KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.12.2005
KUMM(2005) 658 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## Dwar ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli

## Pjattaforma għall-azzjoni

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**Dwar ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli**

**Pjattaforma għall-azzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# WERREJ


1. A Qafas għall-azzjoni ... 4

2. Nagħmlu l-bidla: iffokar fuq kwistjonijiet ewlenin ... 6

2.1. Il-bidla tal-klima u enerġija nadifa ... 7

2.2. Is-saħħa pubblika ... 8

2.3. L-esklużjoni soċjali, id-demografija u l-migrazzjoni ... 9

2.4. Il-ġestjoni tar-riżorsi naturali ... 10

2.5. Trasport sostenibbli ... 11

2.6. Il-faqar globali u sfidi għall-iżvilupp ... 12

3. Il-ksib tar-riżultati ... 13

3.1. Segwitu aktar effettiv ... 13

3.2. Formulazzjoni aħjar tal-politika ... 14

4. Konklużjonijiet ... 17

ANNESS 1 DIKJARAZZJONI DWAR IL-PRINIĊIPJI TA' GWIDA GĦAL ŻVILUPP SOSTENIBBLI *IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEAKonklużjonijiet Presidenzjali DOC 10255/05IL-KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL16 u 17 ta' Ġunju 2005* ... 18

ANNESS 2 OBJETTIVI, MIRI, POLITIKA U AZZJONIJIET - PROGRESS FUQ L-SDS . 21

1. NINDIRIZZAW IL-BIDLA KLIMATIKA ... 22

2. NIPPROMWOVU S-SAĦĦA - SAĦĦA PUBBLIKA ... 23

3. NIĠĠIELDU L-ESKUZZJONI SOĊJALI U NINDIRIZZAW IL-BIDLA DEMOGRAFIKA ... 24

4. UŻU AĦJAR TA' RIŻORSI NATURALI ... 26

5. NAGĦMLU T-TRASPORT AKTAR SOSTENIBBLI ... 28

6. IL-ĠLIEDA KONTRA L-FAQAR GLOBALI U L-PROMOZZJONI TA' L-IŻVILUPP ..... 30

ANNESS 3 IR-REVIŻJONI TA' L-2005 GĦAL STRATEĠIJA TA' ŻVILUPP SOSTENIBBLI: RENDIKONT INIZJALI U ORJENTAZZJONIJIET FUTURI *KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW{COM (2005) 37}* ..... 34

**Reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE**

L-Ewropej japprezzaw *il-kwalità tal-ħajja.* Huma jridu jgawdu l-prosperità, ambjent nadif, saħħa tajba, ħarsien soċjali u ekwità. Dan iriduh mhux għalihom biss iżda għal uliedhom u ulied uliedhom. Quddiem dinja li qed tinbidel rapidament – dinja fejn ir-ritmu tal-bidla jista' jisfida serjament il-kapaċità ta' l-ekonomija, it-tessut soċjali u d-dispożizzjoni għall-aġġustament – l-Ewropa teħtieġ li timmodernizza u żżomm ruħha fuq quddiemnett fil-bidla. L-isfida hija li jinżamm momentum li jkompli jqawwi kemm it-tkabbir ekonomiku, il-ġid soċjali kif ukoll il-ħarsien ta' l-ambjent.

Din l-isfida u l-ħtieġa għall-bidla ngħataw għarfien mill-Kunsill Ewropew f'Gothenburg fl-2001 bl-adozzjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli li magħha żdiedet dimensjoni esterna fl-2002 fil-Kunsill Ewropew f'Barċellona. Il-prinċipji u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli – il-prosperità ekonomika, l-ekwità soċjali, il-ħarsien ta' l-ambjent u r-responsabbiltajiet internazzjonali – ġew affermati mill-ġdid mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2005 fejn ġew adottati prinċipji ta' gwida għal żvilupp sostenibbli u dehru fiċ-ċentru tad-diskussjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat Ewropej f'Hampton Court f'Ottubru 2005.

L-Ewropa wettqet bidu tajjeb fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli. Ittieħdu inizjattivi importanti fil-proċess imġedded ta' Liżbona, fl-isfera soċjali u fit-tfittxija tal-ħarsien ta' l-ambjent. Minkejja dan, ir-ritmu mgħaġġel tal-bidla jirrikjedi li jiżdiedu l-isforzi biex l-Ewropa tibqa' fi triq sostenibbli. B'impenn imsaħħaħ lejn it-tkabbir u l-impjiegi, flimkien ma'determinazzjoni li jkun ippriżervat u mħares il-wirt soċjali u naturali Ewropew, li jkun sfruttat it-tagħrif, li titrawwem l-innovazzjoni, li l-iżvilupp politiku jittieħed b'mod integrat u li jkunu pprovduti l-mezzi finanzjarji, dan jista' jsir.

Il-gvernijiet dejjem jibqgħu parti importanti mis-soluzzjoni billi jistabbilixxu l-qafas li ġewwa fih iċ-ċittadini u n-negozji jieħdu d-deċiżjonijiet. Iżda, żvilupp sostenibbli ma jistax ikun biss dwar x'jistgħu jagħmlu l-gvernijiet. Il-partijiet interessati kollha, negozji u ċittadini b'mod partikolari, jeħtieġu li jitqawwew u jitħeġġu biex isawru modi ġodda u innovattivi ħalli jiġu indirizzati l-isfidi u jinħatfu l-opportunitajiet. L-Ewropa ma tistax tindirizza dawn l-isfidi kollha waħedha, u wriet id-determinazzjoni li taħdem ma' sħab internazzjonali fuq kwistjonijiet globali u f'perspettiva globali.

## 1. A Qafas għall-azzjoni

L-iżvilupp sostenibbli huwa fil-mira wiesgħa ta' l-Unjoni Ewropea li fuqu qed isserraħ għall-medda t-twila kif stipulat fit-Trattat. Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa strateġija fl-2001 għal direzzjoni lejn din il-mira. Minn dak iż-żmien, l-ambizzjonijiet inbidlu f'inizjattivi ta' politika li min-naħa tagħhom qed jagħtu riżultati tanġibbli.

Il-qafas għall-azzjoni qiegħed f'postu. Mil-lat ekonomiku, l-istrateġija mġedda ta' Liżbona hija l-mutur għat-tkabbir u l-impjiegi. Dan ikun jista' jgħin lill-UE taddatta ruħha għall-isfidi tal-kompetizzjoni globali u ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Ekonomija Ewropea aktar b'saħħitha hija vitali għall-iżvilupp sostenibbli u parti minnu ; hija se tgħin biex tiġġenera l-mezzi għall-investiment, pereżempju f'ambjent aktar nadif, f'edukazzjoni u kura tas-saħħa aħjar u fil-ħarsien soċjali. Eventwalment, użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali u iżjed ġustizzja soċjali jsiru deċiżivi għas-suċċess ekonomiku tagħna.

Bl-għarfien ta' dawn ir-rabtiet, l-UE qed tisfrutta l-elementi li reċiprokament ikomplu jqawwu l-politika ekonomika, soċjali u ambjentali. Il-Kummissjoni issa qed twettaq valutazzjonijiet ta' l-impatt għall-proposti politiċi prinċipali kollha biex tivvaluta l-kontribut tagħhom għas-sostenibbiltà. Ir-riforma tal-politika ta' l-agrikoltura u s-sajd, ir-rinfurzar tal-politika ta' l-iżvilupp rurali kif ukoll il-modernizzazzjoni tal-politika ta' koeżjoni jirriflettu dan l-impenn lejn il-formulazzjoni ta' politika integrata. L-UE ħolqot qafas politiku biex tikkumbatti l-bidla fil-klima, li jinkludi sistema ambizjuża ta' emissjonijiet negozjabbli tas-$CO_2$ ħalli l-impjanti industrijali jitħeġġu jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom bl-anqas spiża.

Diversi strateġiji u pjanijiet t'azzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin u li huma tematiċi[1], spiss akkumpanjati minn miri u indikaturi speċifiċi ġew adottati. Dawn jinkludu sforzi konġunti tul firxa wiesgħa ta' oqsma, pereżempju, biex titjieb is-sigurtà, is-saħħa pubblika, toktor l-inklużjoni soċjali, tissaħħaħ il-koeżjoni u biex jitrażżan it-telf tal-bijodiversità, titjieb il-kwalità tal-ħamrija, l-ilma u l-arja. L-Istati Membri flimkien ma' gvernijiet lokali u reġjonali aġixxew ukoll b'mod ġenerali, pereżempju biex tkun indirizzata l-esklużjoni soċjali, bi tħejjija għall-impatt ta' soċjetà li qed tixjieħ, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra u titjieb il-kwalità tat-trasport pubbliku lokali.[2]

Din ir-reviżjoni tikkunsidra dawn il-kisbiet u twassal azzjonijiet konkreti ulterjuri għas-snin li ġejjin. Dan huwa l-qofol ta' proċess ta' reviżjoni li kien tnieda kmieni fl-2005 li fih tliet elementi relatati bejniethom mill-qrib, li jiffurmaw pakkett:

– Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fi Frar 2005, li tagħti rendikont tal-progress u li tipproponi l-ewwel orjentazzjonijiet,

– Prinċipji ta' Gwida adottati f'Ġunju 2005 mill-Kunsill Ewropew,

– din il-Komunikazzjoni li tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet.

Fl-iżviluppar ta' dan il-pakkett, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod wiesa' u tat widen lill-Kunsill u l-Parlament, lill-Istati Membri, lill-NGOs, liċ-ċittadini u lill-partijiet interessati[3]. Il-lezzjonijiet ewlenin minn dan id-djalogu huma li l-Istrateġija rriveduta teħtieġ fokus aktar b'saħħtu, tqassim aktar ċar tar-responsabbiltajiet, sjieda usa' u appoġġ akbar, integrazzjoni aktar qawwija tad-dimensjoni internazzjonali u implimentazzjoni u monitoraġġ aktar effettivi.

L-għan ta' din ir-reviżjoni **mhuwiex dak li tissostitwixxi iżda li tiżviluppa ulterjorment** l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli. Hija impenjata li tiżgura li r-rabtiet bejn l-inizjattivi politiċi Ewropej ikunu sfruttati u l-kompromessi jkunu valutati biex jintlaħqu l-għanijiet tas-sostenibbiltà. Ir-reviżjoni

- Tidentifika l-kwistjonijiet ewlenin fejn jinħtieġ impetu aktar qawwi fis-snin li ġejjin

[1] Fl-Anness II qed tingħata ħarsa ġenerali estensiva ta' l-istrateġiji u pjanijiet ta' azzjoni differenti ta' l-UE mħaddma biex jagħtu appoġġ lill-iżvilupp sostenibbli.

[2] Eżempji ewlenin tal-progress miksub ġew imniżżla fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2005 KUMM (2005) 37. Ara ukoll il-pubblikazzjoni ta' l-Eurostat ta' Diċembru 2005 dwar l-Indikaturi ta' Żvilupp Sostenibbli.

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2005 KUMM (2005) 37. Il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 1100 kontribuzzjoni matul il-konsultazzjonijiet.

- Tissuġġerixxi li d-dimensjoni esterna ta' żvilupp sostenibbli (e.g. l-użu tar-riżorsi globali, affarijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp internazzjonali) tiġi integrata fil-formulazzjoni tal-politika interna u li l-impatt ta' l-għażliet politiċi Ewropej fuq l-iżvilupp sostenibbli globali jkun evalwat b'mod aktar konsistenti

- Tipproponi modi kif jitkejjel il-progress u kif il-prijoritajiet ikunu rriveduti regolarment, bil-ħsieb li tkun iffaċilitata koerenza akbar bejn l-istrateġiji ta' l-Istati Membri u l-UE

- Tirrakkomanda djalogu kontinwu man-nies u l-organizzazzjonijiet – mexxejja fin-negozju, awtoritajiet reġjonali u lokali, NGOs, academia, u organizzazzjonijiet taċ-ċittadini – li jkollhom l-inkarigu u l-impenn li jwettqu l-bidla

## 2. NAGĦMLU L-BIDLA: IFFOKAR FUQ KWISTJONIJIET EWLENIN

Din ir-Reviżjoni tenfasizza għadd ta' kwistjonijiet ewlenin li jeħtieġu spinta qawwija mill-ogħla livell politiku biex il-pubbliku jkun involut, jitħaffef it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ħidma fil-livelli kollha, jiġi nkoraġġit ħsieb aktar 'magħqud flimkien' u tkun aċċellerata l-applikazzjoni ta' ideat ġodda u aħjar. Din tagħraf il-bżonn li l-progress ikun ikkontrollat regolarment u tagħmel suġġerimenti dwar kif jista' jsir dan.

Biex wieħed jimxi 'l quddiem dwar il-kwistjonijiet speċifiċi, jinħtieġ li jiġu kkunsidrati għadd ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin. Ix-xejriet huma marbuta ma' xulxin u għaldaqstant huwa neċessarju li jkomplu jiġu eżaminati l-politiki tas-settur fl-aspetti kollha, ġo qafas integrat. It-taqbida kontra *l-bidla tal-klima,* per eżempju, għandha ħafna uċuħ, bil-politiki kemm ta' l-enerġija u kemm tat-trasport li għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra. Il-bidla tal-klima għandha impatti soċjali, per eżempju għaliex ġrajjiet ta' klima severa, bħal għargħar u nixfa, ta' sikwit jaffettwaw b'mod sproporzjonat lir-reġjuni u partijiet tal-popolazzjoni l-aktar dgħajfa. L-Ewropa diġà qed tisfrutta r-rabtiet pożittivi mferrxa fl-oqsma tal-politika. Qed tittieħed azzjoni dwar l-enerġija sostenibbli bil-ħsieb li toktor is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, tonqos il-bidla tal-klima u t-tniġġis ta' l-arja lokali, jonqos il-faqar u tittejjeb is-sigurtà, filwaqt li jiġi promoss l-iżvilupp rurali u lokali. Jeżistu madankollu kompromessi. Xi politiki jġibu magħhom spejjeż ta' aġġustament u jinħtieġ li jinstabu biex il-kompromessi jiġu bbilanċjati b'manjiera ottimali.

Reazzjonijiet effettivi jirrikjedu kooperazzjoni u solidarjetà internazzjonali. L-UE hija impenjata li ttaffi l-faqar f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u qed taħdem mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti fid-direzzjoni lejn il-kisba tal-Miri ta' Żvilupp għall-Millennju. Hija għandha inkarigu f'firxa ta' sforzi multilaterali, per eżempju, f'xogħol ma' oħrajn biex jiġu ssodisfati l-impenji dwar il-bijodiversità, l-istokkijiet ta' ħut, l-enerġija u l-ilma miftiehma fis-*Summit* Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, u fil-ġlieda kontra l-bidla tal-klima. L-UE se tuża l-influwenza tagħha biex iġġib aktar nazzjonijiet wara aġenda ambizzjuża ta' żvilupp sostenibbli. Hija se tuża ukoll l-istrumenti tagħha stess, bħall-kummerċ u l-ftehim ta' kooperazzjoni, biex iġġib il-bidla u trid tintegra d-dimensjoni esterna fil-formulazzjoni tal-politika interna tagħha.

L-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jkomplu jinvestu fir-riċerka u t-teknoloġija biex jinstabu modi ġodda ta' produzzjoni u konsum ekonomikament effettivi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Bit-tħaddin ta' teknoloġiji ġodda – l-IT u għodod ta' komunikazzjoni, ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva, prodotti u proċessi li jħallu impatt żgħir fuq l-ambjent, fjuwils u teknoloġiji tat-trasport ġodda – l-Ewropa tista' tagħmel avvanz kbir fl-effiċjenza tar-riżorsi b'potenzjal li jiġi xprunat it-tkabbir tul mixja sostenibbli.

L-edukazzjoni għandha r-rwol ewlieni biex jiġu ffaċilitati l-bidliet li jagħmlu parti minn żvilupp sostenibbli. Hija tiżgura li n-nies ikollhom il-ħiliet li jadattaw ruħhom għal bidla globali, li jinfirex it-tagħrif u li l-partijiet interessati jieħdu posthom fil-bidla.

## 2.1. Il-bidla tal-klima u enerġija nadifa

Il-bidla tal-klima qed isseħħ. Wieħed ma jistax jippreveniha iżda tista' tiġi miżmuma f'livelli aċċettabbli u l-impatti negattivi tagħha jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Din hija problema globali li titlob soluzzjonijiet globali. Jinħtieġ sforz akbar biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, mhux biss fl-UE iżda f'pajjiżi prinċipali oħrajn u ekonomiji emerġenti li jikkaġunaw dawn l-emissjonijiet. Huwa essenzjali ukoll li l-UE tadatta ruħha għall-bidla tal-klima u tgħin b'mod partikolari lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jagħmlu l-istess.

Il-bidliet neċessarji se jaffettwaw xi gruppi, setturi jew pajjiżi aktar minn oħrajn. Huwa importanti l-iżvilupp ta' mekkaniżmi biex jgħinu lil dawk li jkunu affettwati aktar serjament u għall-motivazzjoni tas-sħab internazzjonali kollha biex jiġu implimentati l-politiki attivi dwar il-bidla tal-klima.

It-tnaqqis tal-bidla tal-klima jipprovdi opportunitajiet soċjali u ekonomiċi importanti u jgħin fit-tnaqqis ta' xejriet insostenibbli oħrajn. Bdil fit-tifsiliet ta' l-użu tagħna ta' l-enerġija jista', per eżempju, jiffranka lill-UE ta' l-anqas 20% tal-konsum preżenti ta' enerġija b'mod ekonomikament effettiv – tfaddil ekwivalenti għall-konsum ta' enerġija tal-Ġermanja u l-Finlandja flimkien. L-UE hija mogħnija sew b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli – tar-riħ, tax-xemx, tal-bijomassa, tal-mewġ, idroloġika, ġeotermali – u għandha t-teknoloġiji biex tużahom ħalli tlaħħaq ma' proporzjon bil-wisq akbar mid-domanda li jkollha għas-sħana, elettriku u fjuwil.

Lilhinn mill-vantaġġi ekonomiċi ovvji, l-esperjenza turi li miżuri għat-tnaqqis fil-bidla tal-klima u l-isfruttament tal-potenzjal li għandha l-UE għall-effiċjenza u l-enerġija rinnovabbli għandhom ħafna benefiċċji kumulattivi oħrajn – iżjed sigurtà tal-provvista, emissjonijiet imnaqqsa ta' sustanzi oħrajn li jniġġsu, żvilupp lokali u impjiegi ta' kwalità. Dan jgħin ukoll lill-UE żżomm postha fuq quddiem f'teknoloġiji innovattivi, fi żmien meta qed tiżviluppa kompetizzjoni ħarxa f'dawn l-oqsma. Barra dan, l-UE tinsab ukoll f'qagħda tajba li tassisti pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ksib ta' tkabbir ekonomiku bl-użu ta' teknoloġiji li jniġġsu l-anqas, per eżempju permezz tal-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif taħt il-Protokoll ta' Kyoto, li jagħmilha possibbli li jiġu ttrasferiti dawn it-teknoloġiji lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-potenzjal qiegħed hemm. Jeħtieġ li jiġi sfruttat.

**Azzjonijiet ewlenin:**

- L-UE se tfittex impenji biex tkompli tirriduċi l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, wara t-tmiem ta' l-impenji eżistenti fl-2012, billi tiżviluppa proposti u taħdem għal ftehimiet internazzjonali usa' fejn ikunu koperti l-gassijiet b'effett serra u s-setturi kollha, tħeġġeġ l-innovazzjoni u tinkludi miżuri għall-adattament. L-iskema ta' l-UE ta' emissjonijiet negozjabbli tista' sservi ta' eżempju ta' suq tal-karbonju internazzjonali.

- L-UE se tiżviluppa politika ta' klima fil-ġejjieni permezz tat-tieni fażi tal-Programm tal-Bidla tal-Klima Ewropew, billi taħdem mal-partijiet interessati għal żvilupp ta' azzjonijiet ġodda biex jiġu sfruttati b'mod sistematiku opzjonijiet li jkunu ekonomikament effettivi, li jkunu jkopru per eżempju l-karozzi, l-avjazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u l-adattament. L-UE u l-Istati Membri se jirrevedu l-Iskema ta' Emissjonijiet Negozjabbli ta' l-UE bil-ħsieb li tkompli tiġi żviluppata u jikkunsidraw l-estensjoni għal gassijiet b'effett serra u setturi

oħrajn, bħalma hija l-avjazzjoni.

- Fil-laqgħa informali tagħhom f'Hampton Court f' Ottubru 2005 il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern qablu li jitolbu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa politika Ewropea dwar l-enerġija msaħħa mill-ġdid, sostenibbli, żgura u kompetittiva. Fl-2006 il-Kummissjoni se tiżviluppa inizjattivi prinċipali dwar il-bijomassa[4] u bijofjuwils. Fl-2006 se tniedi ukoll dibattitu fuq il-politika ta' l-UE dwar l-enerġija rinnovabbli sa l-2020, inkluż is-sehem tat-taħlita ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dan għandu jipprovdi objettiv ċar għall-partijiet involuti kollha, fil-waqt li jipprovdi ċ-ċertezza li n-negozju u l-investituri jfittxu. L-UE trid tissokta tippromwovi l-użu ta' enerġiji rinnovabbli mad-dinja kollha.

- Il-Kummissjoni se tipproponi pjan ta' azzjoni dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija biex jintlaħaq il-potenzjal ta' ffrankar ekonomikament effettiv stmat li jlaħħaq l-20%._Jinħtieġ li tingħata spinta qawwija lill-iffrankar ta' enerġija fil-bini, biex isir progress fil-liġijiet kurrenti dwar il-prestazzjoni ta' l-enerġija fil-bini ħalli jiġu mgħejuna l-familji b'mod partikolari. Il-Kummissjoni se taħdem ma' l-Istati Membri li qed jagħmlu użu minn fondi strutturali biex jiġu rrealizzati l-miri ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, u b'mod partikolari ma' dawk l-Istati Membri bl-akbar potenzjal għal titjib.

### 2.2. Is-saħħa pubblika

Is-saħħa hija kwistjoni globali. Il-mard jinfirex malajr tul il-kontinenti. L-Ewropa jeħtiġilha li żżid il-kapaċità tagħha biex tikkumbatti it-theddid transfruntieri għas-saħħa. L-isforzi ta' l-UE għandhom ikunu akkumpanjati minn azzjoni effettiva fil-pajjiżi ġirien u f'livell globali. It-taqbida kontra t-theddid għas-saħħa tirrikjedi reazzjoni mgħaġġla u effettiva u sistemi ta' saħħa, tmexxija, teknoloġija u kapaċità infrastrutturali li jiffunzjonaw. Stat Membru wieħed li ma jkollux il-ħila jirreaġixxi jista' jqiegħed l-UE kollha f'riskju. Li wieħed inaqqas l-inugwaljanzi sanitarji madwar l-UE huwa għaldaqstant kruċjali.

L-UE għandha ukoll l-obbligu li tappoġġja sforzi internazzjonali biex titjieb il-kura tas-saħħa. Bħalissa 40 miljun qed isofru mill-HIV/Aids globalment. 24 miljun ruħ mietu, 5 miljuni minnhom tfal. Il-malarja toqtol aktar minn miljun ruħ fis-sena – l-aktar tfal fl-Afrika 'l isfel mis-Saħara. L-i*strains* ta' batterji dejjem joktru li jirreżistu l-antibijotiċi jibqgħu problema serja.

Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard (billi jkunu indirizzati l-fatturi determinanti fuq is-saħħa fil-livell xieraq) inaqqsu l-piż ekonomiku u soċjali tal-mard fil-medda t-twila. Barra minn hekk, tagħrif aħjar ta' l-effetti fuq is-saħħa ta' sustanzi li jniġġsu, jiffaċilita ukoll miżuri mtejba ta' prevenzjoni u ppjanar.

**Azzjonijiet ewlenin:**

Għall-UE u l-Istati Membri tagħha biex:

- jaġġornaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar kif jiġu affrontati theddidiet għas-saħħa (bi tħejjija għal xi pandemija possibbli, filwaqt li jikkunsidraw ir-regoli ta' gwida aġġornati reċentement dwar l-istat ta' preparazzjoni għall-influwenza pandemika).

- jaqblu fuq Strateġija ta' l-UE u jimplimentawha biex ikunu indirizzati l-HIV/AIDS, inklużi

4 COM (2005) 628.

xi passi li jistgħu jittieħdu biex titjieb is-sorveljanza u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Għal pajjiżi terzi, jinħtieġ li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi implimentat il-Programm ta' Azzjoni ta' l-UE eżistenti fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja.

- jikkoordinaw ir-riċerka dwar il-konnessjonijiet bejn sustanzi li jniġġsu l-ambjent, l-espożizzjoni u l-impatti fuq is-saħħa biex titjieb fehmitna dwar x'fatturi ambjentali jikkaġunaw problemi ta' saħħa u kif l-aħjar wieħed jista' jipprevenihom.

## 2.3. L-esklużjoni soċjali, id-demografija u l-migrazzjoni

Li taħdem dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE ma jikkonċernax biss li wieħed iżid l-introjti baxxi. Dan jinkludi ukoll il-promozzjoni ta' l-aċċess għax-xogħol, id-djar, il-mobilità, il-kura tas-saħħa, il-komunikazzjoni u servizzi ta' informazzjoni u fuq kollox l-edukazzjoni u taħriġ f'ħiliet. Sehem sinifikanti tal-popolazzjoni ta' l-UE (15%) tinsab f'riskju ta' faqar. Il-faqar fit-tfulija huwa ta' tħassib partikolari. Kif kien diskuss fil-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern f'Hampton Court, it-taqbida kontra l-esklużjoni soċjali trid tingħata attenzjoni urġenti.

L-UE mhux biss qed tħabbat wiċċha ma' sfidi ekonomiċi iżda ukoll ma' sfidi soċjali sinifikanti b'riżultat tas-**soċjetà qed tixjieħ** tagħha. Ix-xjuħija tal-popolazzjoni se taċċellera sa l-2040, li, flimkien mal-waqgħa fir-rati tal-fertilità, se ġġib tnaqqis fil-popolazzjoni li taħdem. Fil-fatt, fertilità aktar baxxa flimkien ma' għomor dejjem itwal jistgħu jfissru li, sa l-2050, ikun hemm tnejn minn nies fl-età tax-xogħol biex imantnu kull persuna anzjana, meta mqabbla ma' l-erbgħa minn nies illum. Dawn ix-xejriet jistgħu ukoll inaqqsu r-rati tat-tkabbir.

Il-gvernijiet jeħtieġ li jħejju l-ekonomija u s-soċjetà ta' l-Ewropa għax-xjuħija ta' ħafna mis-soċjetajiet tagħna. L-ispinta lill-produttività u l-parteċipazzjoni fl-impjiegi, partikolarment dik ta' ħaddiema akbar fl-età u tan-nisa, huma neċessarji biex inżommu l-kapaċità tagħna għal tkabbir ekonomiku sostnut. L-immodernizzar tas-sistemi tal-ħarsien soċjali ta' l-Ewropa, notevolment fl-oqsma tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul, huwa fundamentali daqs l-inkoraġġiment ta' xjuħija attiva u felħana. Jinħtieġu politiki li jkunu aktar favur tal-familji. Ġestjoni effettiva tal-flussi ta' migrazzjoni, inkluża l-integrazzjoni pożittiva ta' l-immigranti u l-familji tagħhom hija essenzjali. Dan jenfasizza ukoll il-bżonn ta' investiment akbar u aħjar f'kapital uman mill-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja biex tkun mantnuta l-impjegabbiltà tal-ħaddiema. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' strateġiji effettivi ta' tagħlim tul il-ħajja mill-Istati Membri.

**Azzjonijiet Ewlenin:**

- B'reazzjoni għad-diskussjonijiet tal-kapijiet ta' stat u ta' gvern f'Hampton Court f'Ottubru 2005, il-Kummissjoni sa tippreżenta komunikazzjoni kmieni fl-2006 li tħares lejn modi kif l-UE tista' tgħin lill-Istati Membri jirreaġixxu għall-isfidi demografiċi li qed tħabbat wiċċha magħhom, notevolment bil-promozzjoni ta' strateġiji ta' xjuħija attiva, l-integrazzjoni ta' l-immigranti u kondizzjonijiet aħjar għall-familji. Hija se tikkonsulta lill-imsieħba soċjali dwar jekk ikunux proposti inizjattivi ġodda biex tintrifed ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

- Il-Kummissjoni qed tipproponi Sena Ewropea ta' ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Pjan għal ugwaljanza bejn nisa u rġiel se jiġi ppreżentat fl-2006, biex jgħin il-ksib ta' ugwaljanza tas-sessi u jgħin biex tkun indirizzata l-isfida demografika ta' l-UE. L-UE

tappoġġja l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali ħalli tkun żgurata s-sostenibbiltà tagħhom.

- L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jissoktaw bl-iżvilupp ta' politika ta' l-UE dwar il-migrazzjoni legali, bit-tisħiħ ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-familji tagħhom u bit-taqbida kontra l-immigrazzjoni illegali. Il-Kummissjoni pproponiet appoġġ għall-miżuri ta' integrazzjoni ta' l-Istati Membri permezz ta' Fond Ewropew għall-integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-2007–2013. Hija ħarġet pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali, inklużi proċeduri ta' ammissjoni. Fl-2006 se tipproponi ukoll qafas ta' politika komuni għat-taqbida kontra l-immigrazzjoni illegali.

### 2.4. Il-ġestjoni tar-riżorsi naturali

Aħna niddependu bil-bosta fuq il-flussi tar-riżorsi naturali – għall-materja prima, l-ikel, l-enerġija u l-art – u fuq proċessi naturali biex "jassorbu" l-iskart li qed jiżdied minħabba popolazzjoni umana li qed toktor, li issa tlaħħaq għal xi sitt biljuni. Il-Valutazzjoni ta' l-Ekosistema tal-Millennju 2005 tal-*UN* tissuġġerixxi li żewġ terzi tas-servizzi ta' l-ekosistema, li fuqhom jiddependu l-bniedem, qed jonqsu. Id-domandi ta' l-Ewropa fuq il-pjaneta telgħu bi kważi 70 fil-mija sa mill-bidu tas-Snin Sittin. Huwa stamat li l-Ewropej jużaw medja ta' 4.9 ettari mill-art produttiva kull persuna biex jappoġġjaw l-istil ta' ħajja tagħhom (meta mqabbel mad-9.5 għall-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-1.5 għaċ-Ċina), mentri l-medja globali hija ta' 1.8 ettari.

Ċerti tifsiliet ta' l-użu ta' l-art u l-baħar wasslu għal żieda fil-konġestjoni tat-traffiku, l-użu ta' l-enerġija u t-tniġġis, riskju akbar ta' għargħar u t-telf ta' pajsaġġi, abitat naturali, u bijodiversità[5]. It-tifsiliet globali ta' l-użu tar-riżorsi huma ta' tħassib billi dawn qed inaqqsu l-kapaċità riġenerattiva tad-dinja u s-servizzi li tipprovdi n-natura. It-telf ta' bijodiversità, miġjub sa ċertu punt mill-bidla tal-klima, qed ikollu impatti ekonomiċi, inklużi dawk fuq it-turiżmu u setturi bħalma huma l-agrikoltura li jiddependu fuq is-servizzi ta' l-ekosistema (il-fertilizzazzjoni bil-polline, il-fertilità tal-ħamrija, d-disponibilità u l-kwalità ta' l-ilma) u setturi oħrajn li jagħmlu użu minn informazzjoni bijoloġika bħala sors ta' innovazzjoni.

Billi tkun minn ta' quddiem fis-sejbien ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni aħjar tar-riżorsi, l-UE tista' tippromwovi ekonomija aktar effiċjenti fir-riżorsi u tippreżenta ruħha bħala mexxejja mondjali fejn jidħlu teknoloġiji ekoeffiċjenti. Qed jikber l-għarfien – mhux l-anqas fost in-negozji – tad-daqs ta' l-opportunità li wieħed jista' jaħtaf b'investiment fl-ekoinnovazzjoni. Is-suq ta' prodotti u proċessi sostenibbli ikollu jikber biex jissodisfa d-domandi ta' klassi 'tan-nofs' globali li qed tikber b'ħeffa, għal prodotti u servizzi għall-konsumatur flimkien ma' kwalità ambjentali. Approċċ koordinat, li jantiċipa l-bżonn li wieħed jaqleb għal proċess ta' produzzjoni u konsum aktar sostenibbli, jagħti lill-Ewropa vantaġġ kompetittiv.

Il-gvernijiet għandhom rwol prinċipali biex jiżguraw is-suċċess, billi jipprovdu qafas regolatorju prevedibbli fil-medda t-twila, li jippremja l-ekoinnovazzjoni li jappoġġja negozji li issa qed ifittxu li jiżviluppaw attivitajiet sostenibbli. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom is-

5 Ir-rapport ta' l-2005 ta' l-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropea dwar l-Istat ta' l-Ambjent jirrikonoxxi li tul dawn l-aħħar 30 sena sar progress importanti. Minkejja dan, is-sitwazzjoni ambjentali tibqa' waħda insostenibbli f'ħafna aspetti. Din tista' tkun indirizzata biss bis-saħħa ta' integrazzjoni aktar effettiva ta' affarijiet li jikkonċernaw l-ambjent f'oqsma oħrajn tal-politika.

saħħa ta' l-akkwist biex jiġġeneraw momentum għall-bidla. Fl-UE, per eżempju, l-organi pubbliċi (bħalma huma awtoritajiet lokali, skejjel, sptarijiet) jixtru b'kemm jiswew EURO 1600 biljun fi prodotti u servizzi kull sena – 16% tal-GDP tagħna. Dan jista' jintuża biex tinħoloq il-massa kritika meħtieġa għas-suċċess fis-suq ta' teknoloġiji sostenibbli.

**Azzjonijiet ewlenin**:

- L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, għandhom jagħmlu skambju ta' esperjenzi u l-aqwa prassi kif it-tassazzjoni tista' titmexxa minn fuq ix-xogħol għal fuq il-konsum u/jew it-tniġġis b'mod newtrali għad-dħul, biex jikkontribwixxu lejn il-miri ta' l-UE għal żieda fix-xogħol u tal-ħarsien ta' l-ambjent. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu aktar effettiv tas-setgħa t'akkwist konsiderevoli tagħhom biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet innovattivi, aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u aktar indaf. Il-Kummissjoni għandha tipproponi direttiva dwar l-akkwist pubbliku ta' vetturi ekoloġiċi.

- L-UE se taħdem ma' l-Istati Membri u mal-partijiet interessati biex tippromwovi l-ekoinnovazzjoni u biex tespandi s-suq għall-ekoteknoloġiji. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-pjanijiet tagħhom dwar teknoloġiji ambjentali. Fil-kuntest tas-7 programm tal-qafas ta' Riċerka, l-UE se tipprovdi fondi biex tikkatalizza l-azzjonijiet u tixpruna 'l quddiem ir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija f'oqsma ewlenin inklużi batteriji ta' l-idroġenu u tal-fjuwil.

- Il-Kummissjoni trid tipprepara pjan ta' azzjoni biex tippromwovi l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, filwaqt li tkompli tibni fuq l-inizjattivi u l-istrumenti li għaddejjin bħalissa bħal politiki dwar ir-riżorsi u l-iskart, politika u *standards* ta' prodotti integrati, skemi ta' ġestjoni u innovazzjoni ambjentali u politiki dwar it-teknoloġija, biex ikun rinfurzat l-impatt tagħhom, jiġu indirizzati xi differenzi li jista' jkun hemm u jkun żgurat il-kontribut tagħhom lejn inizjattivi globali.

- L-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw fondi u ġestjoni suffiċjenti għan-netwerk Natura 2000 ta' żoni mħarsa, u jintegraw aħjar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-bijodiversità fil-politiki interni u esterni biex jitrażżan it-telf tal-bijodiversità.

## 2.5. Trasport sostenibbli

Id-disponibilità ta' trasport li ekonomikament jintlaħaq minn kulħadd kienet ta' benefiċċju għalina lkoll. Iżda batejna ukoll mill-aspetti negattivi bħalma huma l-konġestjoni, l-impatti fuq is-saħħa u d-degradazzjoni ambjentali. Hekk kif tikber l-ekonomija, l-istess tagħmel id-domanda għat-trasport. Iżjed tkabbir ifisser li għalkemm kien hemm titjib sinifikanti fil-prestazzjoni tal-vetturi, l-impatti negattivi għadhom telgħin u x-xejriet kurrenti huma insostenibbli.

Il-benefiċċji tal-mobilità jistgħu jiġu pprovduti b'impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali ħafna aktar baxxi. Dan jista' jsir billi jitnaqqas il-bżonn għat-trasport (e.g. billi jinbidel l-użu ta' l-art, ikunu promossi t-*telecommuting* u l-videokonferenzi), isir użu aħjar ta' l-infrastruttura u tal-vetturi, jinbiddlu l-mezzi, per eżempju l-użu l-ferrovija minflok it-triq, ir-rota u l-mixi għal distanzi qosra u jiġi żviluppat trasport pubbliku, li jkun jagħmel użu minn vetturi li jniġġsu anqas u jiġu żviluppati alternattivi għaż-żejt bħalma huma l-bijofjuwils u vetturi mħaddma bl-idroġenu.

Il-benefiċċji ta' trasport aktar sostenibbli huma mifruxa sew u sinifikanti: tiġi indirizzata l-konġestjoni fejn b'hekk in-negozji jaqtgħu mill-ispejjeż, in-nies jiffrankaw il-ħin u jitjieb l-aċċess għall-iżvilupp reġjonali u lokali, titnaqqas il-bidla tal-klima u l-impatti tal-bijodiversità, tiżdied is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija billi titnaqqas id-dipendenza fuq iż-żejt; jitjieb l-ambjent lokali u jitnaqqsu l-impatti fuq is-saħħa, b'mod partikolari f'żoni urbani.

**Azzjonijiet ewlenin**:

- L-UE u l-Istati Membri għandhom jiffokaw fuq alternattivi għat-trasport bl-art biex jagħmluhom opzjoni aktar attraenti għall-merkanzija u l-passiġġieri, inkluż l-iżviluppar tan-*Networks* Trans-Ewropej u konnessjonijiet intermodali għall-loġistika ta' ġarr ta' merkanzija, biex l-oġġetti jkunu jistgħu jaqilbu b'mod faċli bejn trasport bl-art, bil-ferrovija, u fuq l-ilma. Din se tkun it-tema ta' dibattitu politiku prinċipali fit-tieni nofs ta' l-2006.

- Il-Kummissjoni Ewropea trid tissokta bl-eżami ta' l-użu ta' nollijiet għall-infrastruttura fl-UE, bl-użu ta' skemi ta' nollijiet f'konġestjonijiet lokali li rnexxew, nollijiet għall-infrastruttura ma' l-UE kollha għat-trakkijiet u opportunitajiet ġodda li jġibu magħhom teknoloġiji innovattivi tas-satellita, ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

- Il-Kummissjoni se tipproponi pakkett ta' miżuri li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-karozzi billi jippromwovu vetturi li ma jniġġsux u effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija inkluża Direttiva dwar l-akkwist ta' vetturi bħal dawn, *standards* ġodda għall-vetturi, u jżidu l-użu tal-bijofjuwils. Hija diġà pproponiet li l-Istati Membri jintaxxaw b'divrenzji l-vetturi tal-passiġġieri skond l-emissjonijiet tas-$CO_2$.

### 2.6. Il-faqar globali u sfidi għall-iżvilupp

It-theddidiet globali għall-iżvilupp sostenibbli huma kollha konnessi ma' xulxin. Il-faqar, id-degradazzjoni ambjentali u l-konflitt isostnu lil xulxin. Aktar minn biljun ruħ jgħaddu b'anqas minn dollaru kuljum u 2.7 biljun jgħaddu b'anqas minn żewġ dollari. 2.6 biljun ruħ – 'il fuq minn 40 fil-mija tal-popolazzjoni tad-dinja – m'għandhomx faċilitajiet sanitarji bażiċi, u aktar minn biljun għadhom qed jagħmlu użu minn għejun perikolużi ta' ilma tax-xorb. Il-faqar u l-ugwaljanza mhux biss huma inġusti iżda huma theddida għall-iżvilupp dinji, il-prosperità għall-medda t-twila, il-paċi u s-sigurtà. Il-globalizzazzjoni tfisser li l-prosperità u s-sigurtà kollettivi tagħna jiddependu deċiżament fuq is-suċċess tat-taqbida kontra l-faqar.

Tinħtieġ azzjoni fil-livelli kollha – kemm bilateralment kif ukoll multilateralment mill-UE, u b'mod integrat. L-UE affermat mill-ġdid l-impenn tagħha għal żvilupp globali sostenibbli fis-*Summit* Dinji tal-*UN* f'Settembru 2005, bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mis-*Summit* Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, b'ħidma biex jintlaħqu l-Miri ta' Żvilupp għall-Millennju, u bit-tkomplija ta' l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha. Biex tilqa' l-isfidi globali, l-UE trid taċċerta ruħha li l-politiki interni u esterni tagħha jaħdmu tajjeb flimkien għal impatt massimu.

L-UE hija fuq quddiemnett fl-isforzi internazzjonali biex jinqered il-faqar. Hija tipprovdi 'l fuq min-nofs l-għajnuna tad-dinja u hija impenjata li tkompli żżid din l-assistenza, kemm fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità. Reċentement adottat "Kunsens dwar Żvilupp Ewropew", li jistabbilixxi viżjoni komuni u mezzi għall-iżvilupp.

**Azzjonijiet Ewlenin:**

- L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iżidu l-volum ta' l-għajnuna tagħhom għal 0.7% tad-Dħul Gross Nazzjonali (*GDI*) fl-2015 u jilħqu l-għan intermedju ta' 0.56 % fl-2010 bl-għanijiet individwali ta' 0.51 % għall-15 ta' l-UE u 0.17 % għall-10 ta' l-UE.

- L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iżidu l-effettività, il-koerenza u l-kwalità tal-politiki ta' l-għajnuna tagħhom fil-perjodu 2005 – 2010 b'koordinazzjoni akbar bejn l-Istati Membri, bl-iżvilupp ta' qafas ta' Programmazzjoni Komuni ta' l-UE; filwaqt li jużaw aktar azzjonijiet komuni u ko-finanzjament ta' proġetti, iżidu l-koerenza bejn il-politika ta' żvilupp u politiki oħrajn. Għandhom iżidu l-kwalità ta' l-għajnuna bis-saħħa ta' appoġġ ta' baġit effettiv, tnaqqis ta' dejn u t-tħollija ta' l-għajnuna.

- L-UE hija favur it-titjib fit-tmexxija ambjentali internazzjonali, *inter alia* bis-saħħa tal-ħolqien ta' Organizzazzjoni Ambjentali tal-*UN* u t-tisħiħ ta' ftehimiet ambjentali multilaterali. Hija se żżid l-isforzi biex jiġi żgurat li l-kummerċ internazzjonali jintuża bħala strument biex jinkiseb żvilupp globali sostenibbli ġenwin, f'termini kemm soċjoekonomiċi u kemm ambjentali. Dan tkun qed tagħmlu kemm fil-kuntest multilaterali (*WTO*, ir-*Round* ta' Doha) u bħala parti mir-relazzjonijiet tal-kummerċ reġjonali u bilaterali tagħha.

## 3. IL-KSIB TAR-RIŻULTATI

### 3.1. Segwitu aktar effettiv

Hemm il-ħtieġa għal monitoraġġ u sostenn. Dan jista' jsir bla ma jinħolqu proċeduri ġodda jew aktar xogħol amministrattiv. Dan jinvolvi:

- is-sottomissjoni ta' rapport tal-progress mill-Kummissjoni kull sentejn. Dan ikun qed japplika sensiela ta' indikaturi ta' żvilupp sostenibbli, imfassla bl-assistenza ta' esperti nazzjonali, adottati mill-Kummissjoni fi Frar 2005 [6] . L-ewwel rapport bl-aħħar informazzjoni statistika jakkumpanja din il-Komunikazzjoni[7].

- id-diskussjoni tal-progress mill-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew, fuq il-bażi tar-rapport tal-Kummissjoni, fil-waqt li jkunu eżaminati l-prijoritajiet u jiġu pprovduti orjentazzjonijiet ġenerali dwar l-iżvilupp sostenibbli mill-anqas kull sentejn.

- il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni li għandhom rwol importanti fil-bini ta' appoġġ aktar qawwi għall-azzjoni, per eżempju, billi jiġu organizzati diskussjonijiet regolari għall-partijiet interessati u billi jaġixxu bħala katalisti biex jistimulaw id-dibattitu f'livell nazzjonali ukoll.

- it-tnedija tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea matul l-2009, li tinvolvi proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati.

---

6 SEC (2005)161.

7 Inkejlu l-progress lejn Ewropa aktar sostenibbli – Indikaturi ta' żvilupp sostenibbli għall-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, il-Panorama tal-Eurostat ta' l-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2005. ISBN 92-894-9768-8

Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha żviluppaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom stess ta' żvilupp sostenibbli, jew waslu biex jiffinalizzawhom; ħafna minnhom jirrapportaw il-progress li jkun sar regolarment. Minkejja dan, l-opportunità li wieħed jitgħallem mill-ieħor, biex ikun identifikat x'ħadem sewwa u fejn hemm id-diffikultajiet, s'issa għadha ma ġietx sfruttata kompletament. L-istrateġiji nazzjonali differenti u l-Istrateġija Ewropea għandhom iqawwu lil xulxin sa fejn huwa possibbli sabiex it-total ikun jista' jisboq is-somma tal-partijiet tiegħu.

Għaldaqstant qed ikun propost li l-Istati Membri:

- Jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom kif jixraq, fid-dawl ta' l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea u jippubblikawhom mhux aktar tard minn tmiem l-2006. L-Istati Membri huma mħeġġa li jirrevedu, b'mod partikolari, kif l-użu ta' l-istrumenti tal-politika nazzjonali tagħhom (ara s-sezzjoni 3.2) jista' jsir aktar effettiv u integrat aħjar ma' l-azzjonijiet li jittieħdu jew li jkunu ġew proposti f'livell Ewropew;

- Jesegwixxu proċess ta' reviżjoni ħafifa tal-ħidma ta' oħrajn, fuq il-bażi ta' l-istrateġiji nazzjonali riveduti, fil-waqt li jiffokaw fuq temi speċifiċi, u b'mod partikolari, ifittxu li jidentifikaw eżempji ta' prassi u politiki tajba li kulħadd jista' jimplimenta. Din ir-reviżjoni tal-ħidma ta' oħrajn tista' tinkludi evalwazzjoni tad-dimensjoni esterna possibbilment bl-appoġġ tan-netwerk tal-kunsilli konsultattivi nazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-involviment ta' pajjiżi terzi. L-ewwel reviżjoni pilota, taħt il-gwida tal-Presidenza, u bl-assistenza tal-Kummissjoni, li tinvolvi l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu dan volontarjament, tista' titmexxa matul l-2006.

- Jikkunsidraw, fejn dawn ikunu għadhom ma jeżistux, it-twaqqif ta' kunsilli konsultattivi indipendenti dwar l-iżvilupp sostenibbli biex jistimulaw dibattitu infurmat u jagħtu l-kontribut tagħhom fir-reviżjonijiet ta' progress nazzjonali u ta' l-UE.

Il-Kummissjoni tistieden lill-pajjiżi Kandidati biex ilestu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom u fir-riformi tagħhom jieħdu l-istess linja ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE. Il-Kummissjoni se tagħti kas dan fir-rapporti ta' progress tagħha.

L-istrateġija ta' l-UE għal żvilupp sostenibbli għandha ssostni l-proċessi internazzjonali dwar żvilupp sostenibbli u tgħin fil-progress lejn il-Miri ta' Żvilupp għall-Millennju u l-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg.

### 3.2. Formulazzjoni aħjar tal-politika

#### Titjib fil-koerenza politika: valutazzjoni ta' l-impatt u strumenti oħrajn għal regolamentazzjoni aħjar.

L-istrumenti li jgħinu lil min ikun qed ifassal il-politika biex jidentifika l-approċċ it-tajjeb jeżistu u valutazzjoni effettiva ta' l-impatt għandha tkun applikata sa mill-istadji bikrija ta' l-iżvilupp tal-politika. Dan jagħmilha possibbli għal min ifassal il-politika li jidentifika l-aħjar opzjonijiet ibbażati fuq evalwazzjoni bbilanċjata ta' l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali probabbli, il-konnessjonijiet u l-kompromessi ta' bejniethom u l-konsiderazzjoni tal-fehmiet tal-partijiet interessati. Per eżempju, valutazzjonijiet ta' l-impatt ta' proposti ta' kummerċ huma mod importanti kif wieħed jintegra impatti esterni fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE. Dawn kollha jippromwovu l-integrazzjoni ta' politiki differenti li jwasslu għal deċiżjonijiet aktar koerenti u konsiderazzjoni usa' dwar kif jistgħu jinkisbu riżultati aktar sostenibbli, fil-waqt li jiġu sfruttati sitwazzjonijiet li jivvantaġġjaw lil kulħadd, ikunu identifikati u indirizzati l-effetti kumulattivi u l-kompromessi fl-UE u internazzjonalment.

**Azzjonijiet ewlenin**:

- L-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet ta' politika prinċipali jkunu bbażati fuq proposti li jkunu għaddew minn valutazzjonijiet ta' l-impatt, b'konsistenza mal-ftehim interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar ta' Liġijiet. Il-Kummissjoni tiżgura li l-inizjattivi prinċipali tagħha kollha jkunu suġġetti għal valutazzjoni ta' l-impatt u li Valutazzjonijiet ta' l-Impatt li jkunu tlestew ikunu disponibbli għall-pubbliku meta jkunu jittieħdu d-deċiżjonijiet.
- L-Istati Membri għandhom ukoll jagħmlu użu bil-wisq usa' mill-valutazzjoni ta' l-impatt meta jkunu qed jiżviluppaw il-politiki, fl-infiq ta' fondi pubbliċi u żvilupp ta' strateġiji, programmi u proġetti. Għandhom isegwu r-rakkomandazzjonijiet li hemm fil-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità biex jiżguraw li l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni jsaħħu s-sinerġiji bejn il-ħarsien ambjentali u t-tkabbir.
- Il-valutazzjoni ta' l-impatt għandha tkun ikkomplementata b'użu usa' ta' l-evalwazzjoni biex ikun valutat *ex-post* l-impatt tal-politiki.
- L-UE tkun qed tikkonsidra d-dimensjoni esterna u fl-istess waqt tqis l-impatti tal-proposti tal-politika.

**L-użu tat-taħlita ta' strumenti l-aktar effettiva**

Il-gvernijiet u organi pubbliċi oħrajn għandhom firxa wiesgħa ta' għodod li bihom jistgħu jħeġġu n-nies jagħmlu l-bidliet – il-modi kif jirregolamentaw, jintaxxaw, jagħmlu l-akkwisti pubbliċi, jissussidjaw, jinvestu, jonfqu u jipprovdu l-informazzjoni. L-isfida hija dik li tinkiseb l-aħjar taħlita ta' politika sabiex l-użu ta' l-istrumenti u l-implimentazzjoni tal-politiki jikkontribwixxu lejn żvilupp sostenibbli. Nagħtu każ, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aqwa użu mill-fondi strutturali biex jappoġġjaw żvilupp sostenibbli.

Forsi l-aktar metodu qawwi kif tkun inkoraġġita l-bidla huwa li jiġi żgurat li s-swieq ikunu qed jibgħatu s-sinjali t-tajba ("jirregolaw il-prezzijiet sewwa"), b'hekk ikunu qed jipprovdu inċentiv qawwi għan-nies biex jibdlu mġibithom u jsawru l-post tas-suq skond hekk. Dan jista' jsir billi jkun żgurat li lkoll kemm aħna, produtturi u konsumaturi flimkien, naffrontaw l-ispejjeż u l-konsegwenzi kollha tad-deċiżjonijiet tagħna – meta nkunu qed nieħdu dawk id-deċiżjonijiet. Per eżempju, dan ifisser li l-ispiża imposta fuq oħrajn fis-soċjetà minn "min iniġġes" tkun mibnija fil-prezz tal-prodott, kif diġà għamlu xi Stati Membri (per eżempju, bis-saħħa ta' tariffi jew taxxi ekoloġiċi). B'dan il-mod, il-produtturi jkollhom inċentiv li jipproduċi u l-konsumaturi inċentiv li jikkunsmaw oġġetti u servizzi li jħarsu aktar l-ambjent.

Xi drabi l-gvernijiet jistgħu jħallu impatt importanti sempliċiment billi jipprovdu informazzjoni lill-pubbliku u lin-negozji, biex jgħinuhom jagħżlu opzjonijiet aħjar. Eżempji tajbin jeżistu fl-ittikkettjar u fis-servizzi ta' informazzjoni dwar il-konsum ta' enerġija u l-prestazzjoni ambjentali ta' oġġetti ta' l-elettriku, prodotti u servizzi għad-dar. Ħafna awtoritajiet pubbliċi madwar l-UE żviluppaw strateġiji ta' komunikazzjoni effettivi biex iħeġġu liċ-ċittadini ħalli jisseparaw l-iskart għal skopijiet ta' riċiklaġġ, biex jivvjaġġaw b'mod aktar sostenibbli jew biex jiffrankaw l-enerġija.

L-edukazzjoni hija prerekwiżit għall-inkoraġġiment ta' bidla fl-imġiba. Il-Kummissjoni se taħdem biex tappoġġja l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fl-edukazzjoni, l-investiment fil-kapital uman u t-tagħlim tul il-ħajja għal żvilupp sostenibbli.

**Azzjonijiet Ewlenin**:

- L-UE trid tfittex li tuża l-firxa sħiħa ta' strumenti tal-politika, u fl-istess waqt tippromwovi l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq għall-flessibilità li joffru biex ikunu ssodisfatti l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir użu sħiħ mill-varjetà ta' strumenti għad-dispożizzjoni tal-gvernijiet u li kwalunkwe sussidji li jkunu pprovduti jintużaw b'manjiera li tkun koerenti ma' l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u f'konformità mat-Trattat.
- Il-Kummissjoni se tintegra l-iżvilupp sostenibbli fl-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni ewlenin tagħha, kemm għall-politiki interni u esterni ta' l-UE. Il-Kummissjoni se tissokkta, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-Komunità, torganizza avvenimenti u fora għall-partijiet interessati dwar il-fergħat varji ta' l-istrateġija, biex jogħla l-livell tat-tagħrif u l-għarfien, jinxterdu ideat ġodda u jsir skambju ta' l-aqwa prassi. *Surveys*[8] juru b'mod konsistenti li l-għarfien ta' l-Ewropej dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà huwa għoli. L-isfida hija dik li jiġi tradott dak l-għarfien f'imġiba aktar sostenibbli. Jinħtieġ li komunikazzjoni effettiva tkun tappella għal udjenzi nazzjonali u lokali, sabiex l-Istati Membri jkollhom rwol ewlieni.

**Il-mobilizzazzjoni tal-parteċipanti u t-tkattir tas-suċċess**

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol deċiżiv, iżda ma jistgħux – u m'għandhomx – ikollhom il-kustodja esklussiva ta' l-aġenda dwar l-iżvilupp sostenibbli. Jinħtieġ li parteċipanti oħrajn jieħdu azzjoni; negozji, awtoritajiet reġjonali u lokali, NGOs, imsieħba soċjali, universitajiet u skejjel – u ċittadini individwali u konsumaturi. Il-progress jiddependi mis-setgħa enormi, kreattiva u kummerċjali tan-negozju, u minn organi u awtoritajiet reġjonali u lokali.

Aktar u aktar mexxejja tan-negozju jirrikonoxxu l-fatt li jkun jaqbel li jingħata kas ta' l-iżvilupp sostenibbli. Il-kumpanniji l-aktar li rnexxew jaraw li l-attenzjoni li tingħata lill-iżvilupp sostenibbli tixpruna investiment f'teknoloġiji, proċessi u prodotti ġodda mfittxija mill-konsumatur[9]. Dawn jafu li kummerċjalment jagħmel ħafna sens li tippjana għal quddiem u li tkun taf fejn tinvesti fil-ġejjieni. Jafu li jekk ikollna viżjoni jkun hemm l-opportunitajiet, per eżempju billi wieħed jiġbed fid-direzzjoni ta' ekonomija b'livell ta' karbonju baxx. Jafu li jistgħu jkunu influwenti fuq dawk li mingħandhom iġibu dak li jdaħħlu lura. Huma jeħtieġu minkejja dan qafas regolatorju stabbli għall-azzjoni.

L-imsieħba soċjali għandhom rwol ewlieni ukoll: id-djalogu attiv bejn min iħaddem u l-impjegati huwa importanti biex jinstab tarf tad-dimensjonijiet soċjali ta' l-iżvilupp sostenibbli, bħalma huma l-organizzazzjonijiet tax-xogħol, ħiliet u taħriġ u opportunitajiet indaqs.

Barra minn hekk, ħafna gvernijiet u muniċipji reġjonali żiedu l-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi. Peress li jkunu ta' sikwit huma li jipprovdu s-servizzi pubbliċi, mit-trasport pubbliku sal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija, mill-ġbir ta' l-iskart sal-kura li tingħata lill-foqra, dawn jinsabu f'qagħda tajba biex jeffettwaw bidla prattika tanġibbli. Jeżisti skop prinċipali għal tagħlim mis-suċċessi tagħhom. Hemm abbundanza ta' eżempji tajbin.

---

8 Irreferi għall-Eurobarometer.

9 Pereżempju, minn ħafna studji rilevanti ħarġet evidenza ta' konnessjoni pożittiva bejn it-tmexxija ambjentali u l-prestazzjoni finanzjarju. Il-50 kumpanija li kienu kklassifikati l-aħjar fit-termini tar-rapporti li joħorġu dwar is-sostenibbiltà korporattiva jgawdu minn klassifikazzjoni ta' kreditu ogħla mill-medja.

**Azzjonijiet Ewlenin:**

Il-Kummissjoni:

- Qed tagħmel sejħa lill-mexxejja tan-negozju u l-partijiet interessati ewlenin oħrajn ta' l-Ewropa biex f'riflessjoni urġenti mal-mexxejja politiċi jinkarigaw rwieħhom minn politiki għal żmien medju u fit-tul meħtieġa għas-sostenibbiltà u tipproponi li jkun hemm reazzjonijiet ambizzjużi min-negozji li jmorru 'l hinn mill-rekwiżiti legali minimi eżistenti. Inizjattiva bħal din taqbel ħafna ma' l-isforzi tal-Kummissjoni biex titħeġġeġ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u tikkomplementa d-djalogu ma' l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Presidenza biex tara kif dan il-proċess jitrawwem l-aħjar.
- Se tistieden proposti mill-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet ta' l-UE oħrajn dwar kif l-aħjar jiġu organizzati l-modi kif ikunu ppremjati l-aqwa inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli li jieħdu l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Jeżistu opportunitajiet reali għal ħajja aħjar, aktar ġustizzja soċjali u t-twelid ta' industriji innovattivi ġodda fejn l-Ewropa, bil-politiki xierqa, tista' tmexxi d-dinja. Minkejja dan, inkunu nistgħu nibbenefikaw biss minn dawn l-opportunitajiet jekk minn issa naffrontaw it-theddidiet għas-sostenibbiltà li jirriżultaw mill-mod kif ngħixu. Is-suċċess fit-treġġigħ lura ta' xejriet insostenibbli huwa indispensabbli u possibbli, kif jixhdu numru kbir ta' stejjer ta' suċċess minn madwar id-dinja.

Din ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE hija maħsuba li ġġib flimkien wara viżjoni ċara u qafas politiku għall-azzjoni l-Istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri, in-negozji u ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom. Il-Kummissjoni, għaldaqstant, tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament biex japprova l-approċċ propost, biex ikun imfittex bla telf ta'żmien il-progress fl-azzjonijiet identifikati, u biex naħdmu mill-qrib flimkien fiż-żmien ta' tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2006 biex jissawwar appoġġ sod u b'bażi wiesgħa għal strateġija komuni.

## ANNESS 1

## DIKJARAZZJONI DWAR IL-PRINIĊIPJI TA' GWIDA GĦAL ŻVILUPP SOSTENIBBLI

***IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA****Konklużjonijiet Presidenzjali DOC 10255/05****IL-KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL***16 u 17 ta' Ġunju 2005*

L-iżvilupp Sostenibbli huwa għan prinċipali stipulat fit-Trattat, għal politika kollha tal-Komunità Ewropea. Id-Dikjarazzjoni għandha l-għan li kontinwament tibqa' ttejjeb il-kwalità ta' ħajja fid-dinja kemm għal ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll għal dawk tal-ġejjieni. Hija tikkonċerna l-ħarsien tal-kapaċità tad-dinja li ssostni l-ħajja fid-diversità kollha tagħha. Hija msejsa fuq il-prinċipji ta' demokrazija u r-regola tal-liġi u r-rispett għad-drittijiet fundamentali li jinkludu libertà u opportunitajiet ugwali għal kulħadd. Iġġib solidarjetà fi ħdan u bejn il-ġenerazzjonijiet. Tfittex li temexxi 'l quddiem ekonomija dinamika b'impjieg sħiħ u b'livell għoli ta' edukazzjoni, ta' ħarsien tas-saħħa, ta' koeżjoni soċjali u territorjali u ta' ħarsien ta' l-ambjent f'dinja paċifika u bla periklu, li tirrispetta d-diversità kulturali.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet fl-Ewropa u globalment, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jilħqu u jirrispettaw, waħedhom jew ma' l-imsieħba tagħhom, l-għanijiet u l-prinċipji li ġejjin:

### Għanijiet Ewlenin

### ĦARSIEN AMBJENTALI

Tiġi salvagwardjata l-kapaċità tad-dinja li tappoġġja l-ħajja fid-diversità kollha tagħha, jiġu rispettati l-limitazzjonijiet tar-riżorsi naturali tal-pjaneta u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni u titjieb fil-kwalità ta' l-ambjent. Jiġi evitat u mċekken it-tniġġis ambjentali u jiġu promossi l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli biex jinkisser l-irbit bejn it-tkabbir ekonomiku u d-degradazzjoni ambjentali.

### L-EKWITÀ U L-KOEŻJONI SOĊJALI

Tiġi promossa soċjetà li hija demokratika, u soċjalment inklussiva, koeżiva, b'saħħitha, bla periklu u ġusta b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali u d-diversità kulturali li toħloq opportunitajiet ugwali u tiġġieled id-diskriminazzjoni f'kull forma.

### PROSPERITÀ EKONOMIKA

Tiġi promossa ekonomija ta' ġid li hija innovattiva, sinjura fl-għarfien, kompettitiva u effiċjenti fejn jidħol l-ambjent, u li tipprovdi standards għolja ta' ħajja u impjieg sħiħ u ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni Ewropea kollha.

### NILĦQU R-RESPONSABBILITAJIET INTERNAZZJONALI TAGĦNA

Ninkoraġixxu t-twaqqif u niddefendu l-istabbilità ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi madwar id-dinja, ibbażati fuq paċi, sigurtà u libertà. Nippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja u niżguraw li l-politika interna u esterna ta' l-Unjoni Ewropea hija konsistenti ma' l-iżvilupp globali sostenibbli u ma' l-impenji internazzjonali tiegħu.

## Prinċipji ta' Gwida ta' Politika

### TMEXXIJA 'L QUDDIEM U ĦARSIEN TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Il-bniedem għandu jkun fiċ-ċentru tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea billi jitmexxew 'il quddiem id-drittijiet fundamentali, billi titwaqqaf kull forma ta' diskriminazzjoni u jsir kontribut għat-tnaqqis tal-faqar u l-eliminazzjoni ta’ l-esklużjoni soċjali madwar id-dinja.

### SOLIDARJETÀ FI ĦDAN U BEJN IL-ĠENERAZZJONIJIET

Il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali għandhom jiġu indirizzati mingħajr ma tkun kompromessa l-abilità tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex jilħqu l-ħtiġijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea u bnadi oħra.

### SOĊJETÀ DEMOKRATIKA U MIFTUĦA

Għandha tingħata garanzija għad-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni u jkun żgurat l-aċċess għall-ġustizzja. Għandha tiżviluppa konsultazzjoni u mezzi ta' parteċipazzjoni xierqa għall-partijiet interessati u l-assoċjazzjonijiet kollha.

### INVOLVIMENT TAĊ-ĊITTADINI

Għandu jitjieb is-sehem taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għandhom jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u l-għarfien pubbliku dwar l-iżvilupp sostenibbli. Iċ-ċittadini għandhom jiġu infurmati dwar l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u l-għażliet tagħhom biex jagħmlu aktar għażliet sostenibbli.

### INVOLVIMENT TAN-NEGOZJI U L-IMSIEĦBA SOĊJALI

Għandu jitjieb id-djalogu soċjali, ir-responsabbiltà korporattiva soċjali u s-sħubiji privati-pubbliċi biex titħeġġeġ il-kooperazzjoni u biex jiġu ddefiniti r-responsabbiltajiet komuni biex tintlaħaq produzzjoni u konsumazzjoni sostenibbli.

### KOERENZA POLITIKA U TMEXXIJA

Għandha titmexxa 'l quddiem il-koerenza bejn il-politika kollha ta' l-Unjoni Ewropea u l-koerenza bejn l-azzjonijiet lokali, reġjunali, nazzjonali u globali sabiex titjieb il-kontribuzzjoni tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli.

### POLITIKA TA' INTEGRAZZJONI

Għandha titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali sabiex ikunu koerenti u jsaħħu lil xulxin billi jagħmlu użu sħiħ minn strumenti għal regolamentazzjoni aħjar, bħalma huma valutazzjoni ta’ l-impatt bbilanċjata u konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati.

### L-UŻU TA' L-AĦJAR GĦARFIEN DISPONIBBLI

Il-politika għandha tkun żviluppata, valutata u implimentata fuq il-bażi ta' l-aħjar għarfien disponibbli u għandha tkun ekonomikament soda u effettiva fuq bażi ta' nfiq.

### PRINĊIPJU TA' PREKAWZJONI

Fejn ikun hemm inċertezza xjentifika, għandhom jiġu implimentati proċeduri ta’ evalwazzjoni u tittieħed azzjoni preventiva xierqa biex tiġi evitata ħsara lis-saħħa umana jew lill-ambjent.

**MIN INIĠĠES IĦALLAS**

Il-prezzijiet għandhom jirriflettu l-ispejjeż reali li l-attivitajiet ta' produzzjoni u konsumazzjoni jiġu jiswew lis-soċjetà, u li min iniġġes iħallas għad-dannu li jikkawża lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent.

## ANNESS 2
## OBJETTIVI, MIRI, POLITIKA U AZZJONIJIET - PROGRESS FUQ L-SDS

Dan l-anness jiġbor fih selezzjoni ta' strateġiji ewlenin ta' l-UE, pjanijiet ta' azzjoni u inizjattivi ta’ appoġġ għal żvilupp sostenibbli oħra. Qed issir referenza għal objettivi operattivi u għanijiet fejn dawn ikunu jeżistu. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri żviluppaw strateġiji u pjanijiet ta’ azzjoni għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom. Fil-fatt, f’bosta nħawi, Stati Membri qegħdin fl-aħjar sitwazzjoni biex iġibu bidla. L-UE tista’ tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjonijiet ta’ l-Istati Membri, tista’ tiffaċilita l-iskambju ta’ l-aħjar prattika u taġixxi bħala punt fokali għar-reviżjoni tal-progress u l-promozzjoni ta' aktar azzjoni.

-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tipprovdi l-qafas ta’ politika strateġika għal kif l-aħjar li nindirizzaw it-tendenzi li mhumiex sostenibbli. Element essenzjali ta’ dan il-qafas huma r-*rabtiet* nterni bejn dawn it-tendenzi. Jeżistu bosta rabtiet interni bejn il-prioritajiet ewlenien identifikati fid-dokument bażiku. Eżempju ċar ta’ dan huwa li biż-żieda ta' l-użu ta' enerġija li tiġġedded, inkunu qegħdin niġġieldu wkoll kontra l-bidla fil-klima. Bl-istess mod, meta ntejbu l-użu ta’ l-art, meta nagħmlu t-trasport aktar sostenibbli u nibdlu l-mudelli ta’ enerġija, inkunu qegħedin ukoll nipproteġu l-biodiversità. Minħabba f’hekk l-istrateġiji u l-pjanijiet ta’ azzjoni varji m'għandhomx jitqiesu separatament. Kull wieħed minnhom, ikun qiegħed jikkontribwixxi biex isolvi problemi f’oqsma oħra. Huwa importanti li r-rabtiet interni jiġu mifhmuma sewwa u li jiġu żviluppati tweġibiet politiċi li jintegraw aspetti differenti bil-għan li jintlaħqu sitwazzjonijiet ta’ rebħ biss. Il-kwistjoni tar-rabtiet interni bejn it-tendenzi hija qasam li għad irid jiġi żviluppat aktar. Il-Kummissjoni tevalwa l-impatt ta’ l-inizjattivi politiċi ġodda ewlenin.

# 1. NINDIRIZZAW IL-BIDLA KLIMATIKA

| **Għan ġenerali** |
|---|
| Li tiġi limitata l-bidla klimatika u l-ispejjes li s-soċjetà trid tħallas għaliha |

**Objettivi u miri operattivi:**

- F'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew ikkonferma mill-ġdid l-għan tiegħu **għal temperatura media globali li ma titlax b'aktar minn 2°C** meta mqabbla mal-livelli pre-industriali[10] u li għalhekk livelli ta' konċentrazzjoni aktar baxxi minn 550 ppm CO2 għandhom jiggwidaw il-limitazzjonijiet globali u jnaqqsu l-isforzi

- L-UE-15 u l-maġġor parti ta' l-Istati Membri ta' l-UE-25 huma impenjati taħt il-Protokolll ta' Kyoto li jimmiraw li jnaqqsu l-gassijiet ta' l-effett tas-serra sa l-2008 - 2012. **It-tir ta' l-UE-15 huwa ta' 8% nuqqas ta' l-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990**

- Biex tikkontribwixxi għal dan l-għan ewlieni, bi qbil mal-Kunsill Ewropew f'Marzu 2005, l-**UE** flimkien ma' partijiet oħra, se tesplora strateġiji **biex tilħaq tnaqqis neċessarju ta' emissjonijiet tal-gassijiet ta' l-effett tas-serra** u se tikkunsidra, f'dan il-kuntest, toroq ta' tnaqqis għall-grupp tal-pajjiżi żviluppati ta' madwar 15-30% sa l-2020, meta mqabbla mal-linja ta' bażi maħsuba fil-Protokolll ta' Kjoto

**Eżempji ta' Azzjonijiet Ewlenin: Għaddejjin u Ppjanati**

- Żvilupp ta' Bidla Klimatika ta' l-UE għal wara s-sena 2012. Komunikazzjoni adottata fi Frar 2005, COM (2005) 35 finali.http://europa.eu.int/comm/environment/climat/future_action.htm

- It-tieni fażi tal-Programm Ewropew għal Bidla Klimatika (ECCP). Imniedi f'Ottubru 2005.http://europa.eu.int/comm/environment/climat/eccp.htm

- L-iskema ta' skambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet ta' l-effett tas-serra (GHG, Greenhouse Gases) ta' l-UE, adottata f'Jannar 2005, Direttiva 2003/87/EC.http://europa.eu.int/comm/environment/climat/emission.htm

- Il-Pjan ta' Implimentazzjoni għal 10 snin għal Sistema Globali tas-Sistemi ta' l-Osservazzjoni tad-Dinja (GEOSS, Global Earth Observation System of Systems) 2005-2015.http://europa.eu.int/comm/research/environment/newsanddoc/article_2211_en.htm

- Il-Green Paper dwar l-effiċjenza enerġetika, COM (2005) 265 finali. Adottata f'Ġunju 2005 http://europa.eu.int/comm/energy/efficiency/doc/2005_06_green_paper_book_en.pdf

- Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika. L-adozzjoni għandha ssir fl-2006. http://europa.eu.int/eur-lex/en/com/cnc/2000/com2000_0247en01.pdf

---

10 Fonti: Rapport tat-tieni valutazzjoni tal-IPPC, Konklużjonijiet tal-Kunsill 1996, COM(2005) 35 finali p.3, Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Marzu 2005

- Enerġiji ġodda u li jiġġeddu. Komunikazzjoni dwar l-appoġġ ta' elettriċità minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, ibbażati fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/77/EC. COM(2005)627 http://europa.eu.int/comm/energy/res/legislation/electricity_en.htm

- Pjan ta' azzjoni għall-bijomassa. Adottat f'Diċembru 2005. http://europa.eu.int/comm/energy/res/biomass_action_plan/index_en.htm

- Kampanja Ewropea għall-enerġija sostenibbli.http://www.sustenergy.org/

## 2. NIPPROMWOVU S-SAĦĦA - SAĦĦA PUBBLIKA

| Għanijiet ġenerali |
|---|
| Li nippromwovu s-saħħa pubblika u ntejbu l-protezzjoni mit-theddid kontra s-saħħa |

**Oġġettivi u miri operattivi:**

- Li ntejbu **l-protezzjoni mit-theddid kontra s-saħħa** billi niżviluppaw il-kapaċità li nirrispondu għat-theddid b'mod ko-ordinat

- Li nkomplu **ntejbu l-leġiżlazzjoni ta' l-ikel**, dan ikun jinkludi reviżjoni ta' tqegħid tat-tabelli ma' l-ikel

- Li nkomplu **nippromwovu livelli għoljin tas-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali** fl-UE u madwar id-dinja

- Li nrażżnu ż-żieda ta' mard ta' l-istil tal-ħajja li jista' jiġi evitat permezz ta' **promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni**

- Li naċċertaw li l-kimiċi jkunu prodotti, immaneġġati u wżati b'modi **li ma jqegħdux theddid sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem** u ta' l-ambjent sa l-2020

- **li ntejbu l-informazzjoni dwar it-tniġġis ambjentali** u l-impatt ħażin fuq is-saħħa

**Eżempji ta' Azzjonijiet Ewlenin: Għaddejjin u Ppjanati**

- Strateġija Ġenerali tas-Saħħa bħala segwitu għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika u l-Konsumatur 2007-2013, COM (2005) 115 finali.http://europa.eu.int/comm/dgs/health_consumer/index_en.htm

- Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, imwaqqaf fl-2005, isegwi REGOLAMENT (EC) 851/2004.http://europa.eu.int/comm/health/ph_overview/strategy/ecdc/ecdc_en.htm

- Strateġija fuq l-HIV/AIDS. L-adozzjoni għandha ssir fl-aħħar ta' l-2005.http://europa.eu.int/comm/development/body/theme/human_social/docs/health/Programme%20for%20Action%20(EN).pdf#zoom=100 http://europa.eu.int/comm/research/health/poverty-diseases/aids_en.html

- Komunikazzjoni dwar il-preparazzjoni għall-influenza pandemika, COM 2005 (607) finali.http://europa.eu.int/comm/health/ph_threats/com/Influenza/COMM_PDF_COM_2005_0607_F_EN_ACTE.pdf

- Komunikazzjoni dwar l-Ippjanar Ġeneriku ta' Preparazzjoni għat-theddid tas-saħħa, COM (2005) 605 finali.http://europa.eu.int/comm/health/ph_threats/com/Influenza/COMM_PDF_COM_2005_0605_F_EN_ACTE.pdf

- Rakkomandazzjoni dwar it-titjib ta' sigurtà tal-pazjent permezz ta' prevenzjoni u kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa. L-adozzjoni għandha ssir fl-2006.http://europa.eu.int/comm/health/ph_threats/com/comm_diseases_cons01_en.htm http://europa.eu.int/eur-lex/en/com/cnc/2004/com2004_0301en01.pdf

- Segwitu u implimentazzjoni tal-White Paper dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, COM (1999) 719.http://europa.eu.int/comm/food/food/intro/white_paper_en.htm http://europa.eu.int/comm/dgs/health_consumer/library/pub/pub06_en.pdf

- Strateġija tas-saħħa ta' l-Annimali - Pjan ta' Azzjoni tal-Kommunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006 -2010. Tiġi adottata fl-2007.http://europa.eu.int/comm/food/animal/diseases/strategy/index_en.htm

- Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar l-Ambjent u s-saħħa għall-perijodu 2004-2010, COM (2004) 416 finali.http://europa.eu.int/comm/environment/health/index_en.htm

- Regolament tal-Kunsill għar-Reġistrazzjoni, Evalwazzjoni u Awtorizzazzjoni ta' Kimiċi (REACH - Council Regulation for the Registration, Evaluation and Authorisation of Chemicals), COM (2003) 644.http://europa.eu.int/comm/environment/chemicals/reach.htm http://europa.eu.int/comm/enterprise/reach/index_en.htm

## 3. NIĠĠIELDU L-ESKUZZJONI SOĊJALI U NINDIRIZZAW IL-BIDLA DEMOGRAFIKA

| **Għan ġenerali** |
|---|
| Li tinħoloq soċjetà li tkun soċjalment inklussiva |

**Objettivi u miri operattivi:**

- Li nsegwu il-linji ta' xi miri speċifiċi ta' l-UE biex jitnaqqas in-numru ta' nies li huma **fir-riskju tal-faqar** sa l-2010 u niffukaw b'mod speċjali fuq il-ħtiġijiet li nnaqsu t-tfal foqra, fil-kuntest ta' l-OMC

- Li nappoġġaw l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex **jimmodernizzaw il-protezzjoni soċjali** fid-dawl tal-bidliet demografiċi fejn tidħol l-età

- Li jkun hemm żieda sostanzjali fil-parteċipazzjoni tan-nisa u ħaddiema avvanzati fl-età fis-suq tax-xogħol skond il-miri, kif ukoll żieda fl-impieg ta' migranti sa l-2010

- Li nkomplu **niżviluppaw politika legali ta' migrazzjoni ta' l-UE**, akkumpanjata minn politika li ssaħħaħ l-integrazzjoni tal-migranti u l-familji tagħhom

- Li nsegwu **t-tagħlim matul il-ħajja** u li sa l-2010 nnaqqsu bin-nofs in-numru ta' żgħażagħ bejn it-18 u l-24 sena li jkollhom biss livell sekondarju ta' edukazzjoni u li m'humiex fl-edukazzjoni jew taħriġ

L-atturi prinċipali biex jiksbu riżultati reali kontra dawn il-miri huma l-Istati Membri. L-UE tista' tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri; l-UE tista' tiffaċilita l-iskambju ta' l-aħjar prattika u taġixxi bħala punt fokali għar-reviżjoni tal-progress u l-promozzjoni ta' aktar azzjoni. L-Aġenda Soċjali tispjega fil-qosor l-azzjonijiet ta' l-UE bil-għan li tikseb impjieg sħiħ u soċjetà inklussiva.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill[11] spjegaw strateġija biex tindirizza l-implikazzjonijiet tal-baġit tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu. Taħt din l-istrateġija, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-livell tad-dejn pubbliku biex jipprevjenu l-konsegwenzi tal-baġit tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, u jniedu riformi komprensivi fis-suq tax-xogħol, inklużi sistemi ta' taxxa u benefiċċji biex jilħqu rati ta' mpjieg aktar għoljin, b'mod partikolari qalb il-ħaddiema avvanzati fl-età u n-nisa, kif ukoll riformi ambizzjużi ta' sistemi ta' pensjonijiet sabiex irażżnu l-pressjonijiet fuq il-finanzi pubbliċi.

**Eżempji ta' Azzjonijiet Ewlenin: Għaddejjin u Ppjanati**

- OMC dwar Protezzjoni u Inklużjoni Soċjali. Għaddej bħalissa.http://europa.eu.int/comm/employment_social/social_protection/index_en.htm

- Programm ta' Azzjoni Kommunitarja dwar l-Impjieg u s-Solidarjetà Soċjali 'PROGRESS'; 2007 - 2013. Jiġi adottat fl-2006.http://europa.eu.int/eur-lex/en/com/pdf/2004/com2004_0488en01.pdf

- OMC dwar Edukazzjoni u Taħriġ ("Education and Training 2010"). Għaddej bħalissa.http://europa.eu.int/eur-lex/en/com/pdf/2004/com2004_0488en01.pdf

- Programm ta' Azzjoni Integrali fil-qasam tat-tagħlim matul il-ħajja 2007-2013 (COM (2004) 474). Jiġi adottat fl-2006.http://europa.eu.int/comm/education/programmes/newprog/index_en.html

- Komunikazzjoni dwar il-futur demografiku ta' l-Ewropa. Tiġi adottata fl-2006.http://europa.eu.int/comm/employment_social/social_situation/green_paper_en.html

- Strateġija ta' Saħħa u Sigurtà 2007-2012, komunikazzjoni li għandha tiġi adottata fl-2006.http://europa.eu.int/comm/dgs/employment_social/index_en.htm

- Mappa għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, komunikazzjoni li għandha tiġi adottata fl-2006.http://europa.eu.int/comm/employment_social/gender_equality/index_en.html

---

11 Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2001), 'Il-kontribuzzjoni ta' finanzi pubbliċi għat-tkabbir u l-impjieg: intejbu l-kwalità u s-sostenibbiltà', rapport tal-Kummissjoni u tal (Ecofin)-Kunsill għall-Kunsill Ewropew (Stokkolma 23 u 24 ta' Marzu 2001), 699/01; Kummissjoni Ewropea (2000), 'Komunikazzjoni dwar il-kontribuzzjoni ta' finanzi pubbliċi għat-tkabbir u l-impjieg: intejbu l-kwalità u s- sostenibbiltà', COM(2000)846

- Komunikazzjoni dwar opportunitajiet ugwali għal kulħadd u li ma jiddiskriminawx, COM (2005) 224 – Sena Ewropea 2007.http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/index_en.htm

- Sena Ewropea biex insolvu l-faqar u l-esklużjoni soċjali 2010.http://europa.eu.int/comm/employment_social/social_inclusion/index_en.htm

- Il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' fondi strutturali u ta' koeżjoni, adottata fl-2004. COM (2004) 493, COM (2004) 494, COM (2004) 495. http://europa.eu.int/comm/regional_policy/funds/2007/index_en.htm

- Proposta biex jiġi stabbilit Ċentru ta' Kontroll fuq il-Migrazzjoni Ewropea. L-adozzjoni għandha ssir fl-2005.http://europa.eu.int/comm/justice_home/doc_centre/immigration/doc_immigration_intro_en.htm

- Il-Green Paper dwar il-futur tan-Netwerk Ewropew għalMigrazzjoni, COM (2005) 606. Adottata fl-2005.http://www.european-migration-network.org/

- Segwitu għall-Komunikazzjoni dwar "L-Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni: Qafas għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea", COM (2005) 389 finali.http://europa.eu.int/comm/justice_home/funding/inti/funding_inti_en.htm http://europa.eu.int/eur-lex/lex/LexUriServ/site/en/com/2005/com2005_0389en01.pdf

- Il-Pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin. Adozzjoni lejn tmiem l-2005.http://europa.eu.int/comm/justice_home/fsj/crime/trafficking/fsj_crime_human_trafficking_en.htm

## 4. UŻU AĦJAR TA' RIŻORSI NATURALI

| **Għan ġenerali** |
|---|
| Tiġi salvagwardjata l-kapaċità tad-dinja li tappoġġa l-ħajja fid-diversità kollha tagħha, jiġu rispettati l-limitazzjonijiet tar-riżorsi naturali tal-pjaneta u jiġu promossi l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli biex tinqata' r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u d-degradazzjoni ambjentali. |

**Oġġettivi u miri operattivi:**

- **Intejbu l-produzzjoni tar-riżorsi**: niksbu aktar output minn kull unità ta' riżorsa użata u nnaqqsu l-ħsara ambjentali (emissjonijiet tossiċi fl-arja, l-ilma u l-ħamrija kif ukoll l-esplojtazzjoni żejda ta' l-art u riżorsi oħra) ikkaġunati minn kull unità

- Intejbu l-kontroll u nevitaw l-isfruttar żejjed tar-riżorsi naturali li jiġġeddu bħal ma huma s-sajd, il-biodiversità, il-foresterija, l-ilma, l-arja, il-ħamrija u l-klima, ekosistemi marittimi li huma degradati jiġu rrestawrati sa l-2015 bi qbil mal-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg li dwaru kien hemm ftehim fis-Summit Mondjali dwar Żvilupp Sostenibbli (WSSD - World Summit on Sustainable Development) inkluża l-kisba tar-**Rendita Massima Sostenibbli fis-Sajd** sa l-2015

- Li nikkunsidraw kif nistgħu nnaqsu l-konsum ta' l-enerġija fl-UE sa l-2020, fuq il-potenzjal ta' l-istima ta' 20% fin-nefqa effikaċi biex niffrankaw fil-konsum ta' l-enerġija. Il-Kummissjoni ser tniedi diskussjoni dwar dan

- 12% tal-konsum ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu sa l-2010

- 21% tal-konsum ta' l-elettriċità fl-UE-25 iridu jintlaħqu minn sorsi li jiġġeddu sa l-2010. Dan jipprovdi l-bażi għal miri indikattivi nazzjonali

- **Waqfien tat-telf ta' biodiversità** fl-UE sa l-2010 u kontribuzzjoni effettiva biex titnaqqas b'mod sinifikanti r-rata dinjija tat-telf tal-biodiversità sa l-2010

- **Implimentazzjoni u kontroll ta' Natura 2000:** siti adottati sa l-2006 (siti marittimi 2010); siti nnominati u taħt kontroll effettiv sa l-2010 (siti marittimi 2012)

- **Trażżin ta' żvilupp teknoloġiku** lejn diżakkoppjazzjoni bejn tkabbir ekonomiku u pressjoni ambjentali

**Eżempji ta' Azzjonijiet Ewlenin: Għaddejjin u Ppjanati**

- Pjan ta' azzjoni dwar teknoloġiji ambjentali (ETAP - • Environmental technologies action plan), COM (2004) 38 finali. Definizzjoni tal-kundizzjonijiet biex jiġu stabbiliti miri ta' prestazzjoni ambjentali għal prodotti ewlenin, ma' l-Istati Membri u partijiet oħra kkonċernati ewlenin sa l-2007.http://europa.eu.int/comm/environment/etap/ http://europa.eu.int/comm/environment/docum/9842sm.htm

- Pjan ta' Azzjoni għall-Produzzjoni u Konsum Sostenibbli. L-adozzjoni għandha ssir fl-2007.http://europa.eu.int/comm/environment/index_en.htm

- Strateġija Tematika dwar l-użu sostenibbli ta' riżorsi. Adottata f'Diċembru 2005.http://europa.eu.int/comm/environment/natres/

- Strateġija Tematika dwar l-evitar u r-riċiklaġġ ta' l-iskart Adottata f'Diċembru 2005. http://europa.eu.int/comm/environment/waste/strategy.htm

- Politika Integrata tal-Prodott (IPP - Integrated Product Policy), segwitu għall- COM (2003) 302.http://europa.eu.int/comm/environment/ipp/home.htm

- Kuntratt pubbliku aktar ekoloġiku li jinkludi direttiva proposta dwar il-kuntratt pubbliku ta' vetturi li ma jħammġux u li ma tantx jaħlu enerġija maħsub lejn tmiem l-2005 u l-eżaminazzjoni, ma' l-Istati Membri, dwar kif l-aħjar nippromwovu kuntratt pubbliku aktar ekoloġiku għal gruppi ta' prodotti ewlenin oħra sa l-2007http://europa.eu.int/comm/environment/gpp/index.htm

- Linji Gwida għall-Istrateġija ta' Żvilupp Rurali, linji gwida strateġiċi, Strateġiji Nazzjonali u Programmi ta' Żvilupp Rurali għall-perijodu 2007 - 2013, COM (2005) 304.Adottata fl-2005.http://europa.eu.int/comm/agriculture/capreform/rdguidelines/index_en.htm

- Strateġija Tematika għall-Ħamrija. L-adozzjoni għandha ssir fl-2006. http://europa.eu.int/comm/environment/waste/strategy.htm http://europa.eu.int/comm/environment/soil/

- Strateġija Tematika għat-tniġġis ta' l-arja, COM (2005) 446 finali. Adottata f'Settembru 2005.
  http://europa.eu.int/comm/environment/air/cafe/

- Protezzjoni ta' l-ambjent marittimu li tinkludi l-Istrateġija Tematika għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' l-ambjent marittimu u azzjonijiet oħra. Adottata 2005. http://europa.eu.int/comm/environment/water/marine.htm

- Id-Direttiva Qafas ta' l-UE dwar l-Ilma - il-kontroll integrat tal-baċini tax-xmajjar ta' l-Ewropa, l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/EC.http://europa.eu.int/comm/environment/water/water-framework/index_en.html

- L-Istrateġija Ewropea għall-Biodiversità. Adottata fl-1998. Komunikazzjoni dwar l-istrateġija għall-biodiversità li għandha tiġi adottata fl-2006. http://europa.eu.int/comm/environment/nature/nature_conservation/natura_2000_network/managing_natura_2000/index_en.htm

- Implimentazzjoni multilaterali tal-ftehimiet ambjentali. Għaddej bħalissa.http://europa.eu.int/comm/environment/international_issues/agreements_en.htm

- Green paper dwar l-affarijiet marittimi. L-adozzjoni għandha ssir fil-bidu ta' l-2006. http://europa.eu.int/comm/fisheries/maritime/index_en.htm

- Network Diplomatiku Ekoloġiku (Green Diplomacy Network). Għaddej bħalissa.http://europa.eu.int/comm/external_relations/env/

- Pjan ta' Azzjoni għall-Foresti. L-adozzjoni għandha ssir fl-2006.http://europa.eu.int/comm/agriculture/index_en.htm

## 5. NAGĦMLU T-TRASPORT AKTAR SOSTENIBBLI

| **Għan ġenerali** |
|---|
| Naċċertaw li s-sistemi tat-trasport tagħna jilħqu l-ħtiġijiet kemm ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali tas-soċjetà filwaqt li nċekknu l-impatti mhux mixtieqa fuq l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent. |

**Objettivi u miri operattivi:**

- Jitjieb il-**kontroll tad-domanda** għat-trasport biex b'hekk jiġu ridotti l-effetti negattivi tat-tkabbir tat-trasport

- Jintlaħqu livelli sostenibbli ta' l-użu ta' l-enerġija għat-trasport bi qbil ma' setturi oħra u **jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet ta' l-effett tas-serra tat-trasport** b'mod proporzjonat ma' l-użu ta' l-enerġija

- **Jitnaqqsu emissjonijiet mit-trasport li jniġġżu** għal livelli li jimminimalizzaw l-effetti fuq is-saħħa umana jew l-ambjent

- Jiġi aċċertat li l-medja l-ġdida tal-flotta tal-karozzi tilħaq **emissjonijiet $CO_2$ ta' 140g/km sa l-2008/09 u ta' 120g/km sa l 2012,** bħala parti minn sistema ta' politika integrata.

- Issir ħidma lejn **l-introduzzjoni ta' standards ta' emissjoni ta' l-Ewro V** għal vetturi zgħar u jiġi introdott l-Ewro VI għal vetturi kbar

- Sa l-2010 irid jiġi aċċertat li 5.75% tal-fjuwil użat għat-trasport ikun **bijofjuwils**

- Jitnaqqsu **l-ħsejjes tat-trasport** kemm fis-sors kif ukoll permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġi aċċertat li l-livelli globali ta' esponiment jimminimizzaw l-impatti fuq is-saħħa

- Tiżdied **is-sigurtà fit-toroq** billi titjieb l-infrastruttura tat-toroq, jiġu inkoraġġati dawk li jużaw it-toroq biex ikun aktar risponsabbli u billi l-vetturi jsiru aktar sikuri

- Sa l-2010 **jitnaqqsu bin-nofs l-imwiet ikkaġunati mit-trasport fit-toroq** meta mqabblin ma l-2000

- Sa l-2010 jiġi mmodernizzat il-qafas ta' l-UE għas-servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri biex jiġu inkoraġġiti effiċenza u prestazzjoni aħjar

**Eżempji ta' Azzjonijiet Ewlenin: Għaddejjin u Ppjanati**

- White paper "Politika Ewropea għat-trasport għall-2010: żmien li niddeċiedu" u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, COM (2001) 370.http://europa.eu.int/comm/energy_transport/library/lb_texte_complet_en.pdf

- L-istrateġija ta' l-UE fuq l-emissjonijiet $CO_2$ minn vetturi żgħar. Komunikazzjoni dwar l-istrateġija riveduta li għandha tiġi adottata f'Settembru 2006.http://europa.eu.int/comm/environment/co2/co2_home.htm

- Nippromwovu l-użu tal-bijofjuwils u fjuwils oħra li jiġġeddu għat-trasport, Direttiva 2003/30/EC.http://europa.eu.int/comm/energy/res/legislation/biofuels_en.htm http://europa.eu.int/comm/energy/res/legislation/doc/biofuels/en_final.pdf

- Trasport Urban Nadif. Civitas II imniedi fil-bidu ta' l-2005. http://europa.eu.int/comm/energy_transport/en/cut_en.html http://www.civitas-initiative.org/main.phtml?lan=en

- Strateġija Tematika għal Ambjent Urban. Għandha tiġi adottata f'Jannar 2006 - tinkludi miżuri dwar pjanijiet għal trasport urban sostenibbli.http://europa.eu.int/comm/environment/urban/home_en.htm

- Ħlas fuq l-infrastruttura tat-trasport.http://europa.eu.int/comm/transport/infr-charging/charging_en.html

- It-tielet pakkett tal-ferrovija biex jagħmel il-ferrovija iktar attrajenti, adottat fl-2004, jinkludi COM (2004) 140 finali.http://europa.eu.int/comm/transport/rail/package2003/new_en.htm

## 6. IL-ĠLIEDA KONTRA L-FAQAR GLOBALI U L-PROMOZZJONI TA' L-IŻVILUPP

| **Għanijiet ġenerali** |
|---|
| Li nippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja u niżguraw li l-politika interna u esterna ta' l-Unjoni Ewropea hija konsistenti ma' l-iżvilupp globali sostenibbli u ma' l-impenji internazzjonali tagħha |

**Objettivi u miri operattivi:**

L-UE se timplimenta l-impenji tagħha relatati mal-qafas internazzjonali għal żvilupp sostenibbli. Dan il-qafas huwa bbażat fuq is-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Johannesburg), Il-Kunsens ta' Monterrey, ir-riżultat tas-Samit Revizjoni tal-Millennju u tas-Samit Dinji.

L-UE se tagħmel kontribuzzjoni sinifikattiva għal-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju sa l-2015. Dawn huma:

- Li **neqirdu l-faqar estrem u l-ġuħ**
  - Li nnaqsu bin-nofs il-proporzjon ta' nies li jgħixu b'anqas minn dollaru kuljum
  - Li nnaqqsu bin-nofs il-proporzjon tan-nies li jbagħtu l-ġuħ
- Li nilħqu **livell primarju ta' edukazzjoni universali**
  - Li niżguraw li s-subien u l-bniet kollha jlestu kors sħiħ fl-iskola primarja
- Li nippromwovu **ugwaljanza bejn is-sessi u tingħata s-setgħa lin-nisa**
  - Li neliminaw id-diskrepanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni primarja u sekondarja preferibbilment sa l-2005, u fil-livelli kollha sa l-2015
- Li nnaqsu **l-imwiet tat- tfal**
  - Li nnaqsu b'żewġ terzi r-rata tal-mewt qalb it-tfal taħt il-ħames snin
- Li ntejbu **s-saħħa materna**
  - Li nnaqqsu bi tlett kwarti il-proporzjon ta' l-imwiet materni
- Li nissieltu kontra **l-HIV/AIDS, il-malarja u mard ieħor**
  - Li nwaqqfu u nibdew inreġġgħu lura t-tixrid tal-HIV/AIDS
  - Li nwaqqfu u nibdew inreġġgħu lura l-okkorrenza tal-malarja u mard ewlieni ieħor
- Li niżguraw **sostenibbiltà ambjentali**

    - Li nintegraw il-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli fil-politika u programmi tal-pajjiżi; inreġġgħu lura t-telf ta' riżorsi ambjentali

    - Li nnaqqsu bin-nofs il-proporzjon ta' nies li m'għandhomx aċċess sostenibbli għall-ilma tax-xorb bla periklu

    - Li sa l-2020, nilħqu titjib sinifikanti fil-ħajja ta' mill-anqas 100 milljun persuna li jgħixu fil-bassifondi.

- Li niżvillupaw **sħubija globali** għall-iżvillupp li jkun jinkludi żviluppar iktar fil-fond ta' **sistema finanzjarja u għall-kummerċ** miftuħ.

Biex tilħaq dan kollu, l-UE se jkollha b'mod partikolari:

1) **iżżid il-volumi ta' għajnuna**; 2) ittejjeb **il-kwalità, il-koerenza u effettività ta' l-għajnuna tagħha**; 3) timplimenta **l-istrateġija ta' l-UE fl-Afrika**; 4) **tippromwovi l-Prevenzjoni ta' Kunflitti**; 5) timplimenta l-**Politika ta' Żvilupp ta' l-UE** - Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp; 6) tiżgura t-**tmiem b'suċċess ta' l-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha** u l-kontribuzzjoni tagħha lil MDGs u l-iżvilupp sostenibbli, 7) timplimenta l-**GSP Plus**, 8) taċċerta li **l-ftehimiet kummerċjali bilaterali jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli**, 9) **tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli globali**

**L-azzjonijiet Għaddejjin u Ppjanati**

- Taċċellera l-progress lejn kisba ta' l-MDGs, COM (2005) 132. http://europa.eu.int/comm/development/body/communications/communications_en.htm

- Strateġija ta' l-UE għall-Affrika, COM (2005) 489. http://europa.eu.int/comm/development/body/communications/docs/eu_strategy_for_africa_12_10_2005_en.pdf#zoom=100

- Iffinanzjar għall effettività ta' l-Iżvilupp u l-Għajnuna, COM (2005) 133.http://europa.eu.int/comm/development/body/communications/docs/communication_133_en.pdf

- Koerenza Politika għall-iżvilupp, COM (2005) 134.http://europa.eu.int/comm/development/body/communications/docs/communication_134_en.pdf

- Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Barranin (GAERC - • General Affairs and External Relations Council) Konklużjonijiet: Il-Politika għall-Iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea "Il-Konsensus Ewropew", bbażżata fuq il-Komunikazzjoni COM (2005) 311.http://europa.eu.int/comm/development/body/development_policy_statement/index_en.

- L-Aġenda ta' Iżvilupp ta' Doha. Għaddejja bħalissa.http://europa.eu.int/comm/trade/issues/newround/doha_da/index_en.htm

- Ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali (bħall-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi ta' l-ACP). Għaddejin bħalissa.http://europa.eu.int/comm/development/body/cotonou/index_en.htm http://europa.eu.int/comm/trade/issues/bilateral/index_en.htm

- Trażżin ta' l-azzjonijiet ta'globalizzazzjoni.http://europa.eu.int/comm/trade/issues/global/index_en.htm http://europa.eu.int/comm/trade/issues/global/sia/index_en.htm http://europa.eu.int/comm/trade/issues/global/csr/index_en.htm

- Implimentazzjoni ta' l-impenji ta' l-UE taħt is-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, l-Inizjatttiva dwar l-Ilma ta' l-UE, Inizjatttiva dwar l-Enerġija ta' l-UE, pjan ta' implimentazzjoni ta' 10 snin dwarprattika internazzjonali ta' produzzjoni u konsum sostenibbli. Għaddejjin bħalissa.http://europa.eu.int/comm/environment/wssd/index_en.html

- Il-programm internazzjonali ta' l-UE għall-Azzjoni biex nikkonfrontaw l-HIV/AIDS, it-Tuberkolosi u l-Malarja, 2007, COM (2004) 726.http://europa.eu.int/comm/development/body/theme/human_social/pol_health3_en.htm

## ANNESS 3

## IR-REVIŻJONI TA' L-2005 GĦAL STRATEĠIJA TA' ŻVILUPP SOSTENIBBLI: RENDIKONT INIZJALI U ORJENTAZZJONIJIET FUTURI

*KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW{COM (2005) 37}*

## kelmtejn qabel

L-iżvilupp sostenibbli huwa għan fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, imma huwa wkoll sfida globali li jiffaċċaw l-imsieħba tagħna madwar id-dinja. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar kif nistgħu nirrikonċiljaw l-iżvilupp ekonomiku, il-koeżjoni soċjali, l-ekwità bejn it-tramuntana u n-nofsinhar u l-protezzjoni ta' l-ambjent. L-importanza tiegħu hi riflessa fit-Trattat ta' l-UE u mqajjma fil-Kostituzzjoni, li tisfida lill-UE "biex taħdem għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa bbażat fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbilit fil-prezzijiet, ekonomija tas-suq soċjali b'kompettitività għolja, li timmira għal impjieg sħiħ u progress soċjali, u livell għoli ta' ħarsien u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent".

Bil-bidliet demografiċi mgħaġġlin, l-għexieren ta' snin li ġejjin se jpoġġu pressjoni enormi u li dejjem tiżdied fuq ir-riżorsi tad-dinja, kemm f'termini ta' bidla klimatika, riżorsi naturali, biodiversità, jew id-disparità fil-ġid bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar. Irridu nieħdu azzjoni llum biex nippreżervaw għal għada l-ekwilibri delikati ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jmexxu l-globu.

Il-futur ta' l-Ewropa jista' jintwera biss f'dan il-kuntest globali. L-UE diġà għamlet sforzi sinifikanti biex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli f'darha u internazzjonalment. Billi tittieħed strateġija pro-attiva, l-UE tista' tagħmel mezz li l-ħtieġa għal ħarsien ambjentali u koeżjoni soċjali jsiru opportunitajiet għal innovazzjoni, tkabbir u xogħol. Bir-reviżjoni ta' l-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli (SDS - sustainable development strategy) niftakru l-impenji tagħna biex niddefinixxu aħjar il-bidliet strutturali meħtieġa fl-ekonomiji u s-soċjetà tagħna, u nwaqqfu aġenda pożittiva biex tmexxi dan il-proċess ta' bidla lejn kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd.

Biex nirrispondu għal din l-isfida, għandna bżonn azzjoni ko-ordinata u tmexxija b'saħħitha mill-Unjoni biex insawru soluzzjonijiet li jistgħu jagħmlu differenza fit-tul għan-nies fl-Ewropa u f'kull parti tad-dinja.

Huwa għalhekk li fil-bidu tal-millennju l-Unjoni Ewropea ikkommettiet lilha nnifisha għal aġenda serja għal tibdil, biex tiżgura li ħa nibdew naħdmu kontra tendenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li mhumiex sostenibbli. Fl-2000 l-Istrateġija ta' Liżbona fasslet aġenda ambizzjuża għal riformi ekonomiċi u soċjali biex toħloq ekonomija kompettitiva dinamika għall-aħħar ibbażata fuq l-għarfien. Fl-2001 ġiet imnedija Strateġija wiesgħa għal Żvilupp Sostenibbli mill-Kunsill Ewropew f'Gothenburg u fl-2002 id-dimensjoni esterna tagħha giet definita f'Barċellona, qabel is-Samit Dinji ta' l-UN dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li seħħ fis-sajf ta' l-2002. Kull wieħed minn dawn il-passi ġie akkumpanjat minn deċiżjonijiet importanti u azzjoni biex jitwettqu l-impenji meħuda. Madankollu, għadu ma deherx biżżejjed progress; tendenzi mhux sostenibbli għad iridu jibdew jitmexxew lura u l-ishma internazzjonali għadhom għoljin.

It-tlaqqigħ tal-bidu ta' Kummissjoni ġdida flimkien mal-wasla ta' Parlament Ewropew ġdid jipprovdi mument xieraq biex jiġi kkunsidrat il-progress u li jsir sforz biex jiġi aċċellerat il-pass tal-bidla.

L-ewwel passi diġà saru. Meta pproponiet l-Għanijiet Strateġiċi għall-Unjoni għall-ħames snin li ġejjin, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha lejn żvilupp sostenibbli. Għadha kif ipproponiet fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, li ssir aġenda ġdida ta' Liżbona dwar tkabbir u impjiegi; dan jippermettielna nħaddmu magna iktar

dinamika ta' l-ekonomija biex immexxu l-ambizzjonijiet iktar wiesa' tagħna soċjali u ambjentali. B'dan il-mod, Liżbona tibqa' komponent essenzjali ta' l-objettiv globali ta' żvilupp sostenibbli kif definit fit-Trattat: Li jtejjeb il-benessri u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien b'mod sostenibbli kemm għall-ġenerazzjoni preżenti kif ukoll għal dawk tal-ġejjieni. Kif affermat il-Kummissjoni fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu: *"Kemm Liżbona kif ukoll l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli jikkontribwixxu biex nilħqu dan il-għan. Peress li huma jsaħħu 'l xulxin, jimmiraw azzjonijiet kumplimentari, jużaw firxa ta' strumenti u jipproduċu r-riżultati tagħhom fi żmien differenti."*

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona hi akkumpanjata mit-twaqqif li sar illum ukoll ta' Aġenda Soċjali ta' l-UE aġġornata mill-Kummissjoni; Aġenda li turi l-politika li tista' tgħin biex tiżgura kontinent iktar koeżiv u l-iżvilupp iktar fil-fond tal-mudell soċjali tagħna bħala risposta għat-tendenzi li mhumiex sostenibbli. B'dan il-mod, l-Aġenda Soċjali tagħna qed tikkontribwixxi għall-għan ta' żvilupp sostenibbli.

Din il-Komunikazzjoni tirrappreżenta l-ewwel pass tal-Kummissjoni biex tirrevedi l-Istrateġija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2005. Dan ir-rapport jipprovdi valutazzjoni inizjali tal-progress milħuq mill-2001 u jispjega numru ta' orjentazjonijiet futuri, li jistgħu jiggwidaw ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli li se jkun ippreżentat f'Komunikazzjoni separata lill-Parlament u l-Kunsill Ewropew aktar tard din is-sena. Din il-Komunikazzjoni tkompli fuq id-dibattitu tas-sena l-oħra, inkluża l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew f'April li għadda u fuq ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika mnedijien mill-Kummissjoni f'Ottubru li għadda[12]

L-Unjoni Ewropea għandha viżjoni wiesgħa u fit-tul dwar il-futur tagħha. Aħna nemmnu fis-saħħa u l-valuri reali ta' mudell ta' Ewropa dinamika. Aħna se niżguraw li ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet kemm preżenti kif ukoll tal-futur jiġu milħuqa. Dan l-għan fundamentali se joħroġ f'kull politika ta' l-Unjoni. L-iżvilupp sostenibbli jinħtieġ azzjoni issa. L-Unjoni Ewropea għandha l-kapaċità, il-kompetenza u l-kreattività biex twettaq il-bidliet meħtieġa. Kemm l-Ewropej kif ukoll iċ-ċittadini l-oħra tad-dinja jistgħu jorbtu fuq l-impenn ta' l-Unjoni li tiżgura futur sostenibbli għal kulħadd.

---

12 Tifsira fil-qosor iktar iddettaljata tar-riżultat ta' dawn l-eżerċizzji jista' jinstab fl-1 u t-2 Parti tad-dokument ta ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni, SEC(2005) 225. Ir-rapport sħiħ tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-konsulta se jkunu jinstabu dalwaqt fuq : http://europa.eu.int/comm/sustainable/pages/review_en.htm

## Parti I Żvilupp Sostenibbli - X'jnvolvi?

## 1. INTRODUZZJONI

**Żvilupp Sostenibbli** - Il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni attwali jiġu indirizzati mingħajr ma tkun kompromessa l-abilità tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex jilħqu l-ħtiġijiet tagħhom - huwa għan fundamentali fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[13] u l-Kostituzzjoni. Huwa kunċett globali li jssejjes il-politika kollha ta' l-Unjoni, azzjonijiet u strateġiji u li jirrekjedi li l-politika ekonomika, ambjentali u soċjali titfassal u tiġi implimentata b'mod li jsaħħaħ liż-żewġ bnadi.

F'dinja li qed issir dejjem iktar globalizzata, hemm bżonn ta' tmexxija politika ċara biex tippromwovi **mudell dinamiku ta' l-Ewropa** għal-lum u għall-futur. Il-Kummissjoni hija ferm impennjata għal żvilupp sostenibbli u trid twettaq aġenda pożittiva għal tibdil. Il-futur tagħna fl-Ewropa u fid-dinja jirrikjedi viżjoni fit-tul u azzjoni fuq firxa wiesgħa ta' politika. Il-Kummissjoni hija konvinta li rridu ntejbu l-ġid, is-solidarjetà u s-sigurtà sabiex inwasslu kwalità ta' ħajja aħjar għalina u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Irridu iktar impjiegi u rridu nikbru, irridu wkoll ambjent iktar nadif u b'saħħtu. Għandna bżonn soċjetà iktar koeżiva fejn il-ġid u l-opportunità ikunu maqsumin ma' l-Unjoni Ewropea kollha u lilhinn. Irridu iktar innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni. Irridu nilħqu r-responsabbiltajiet u l-impenji globali tagħna. Il-ġid u l-kwalità ta' ħajja tal-futur tagħna jkun jiddependi fuq il-kapaċità u l-impenn tagħna lejn bidliet fix-xejriet ta' produzzjoni u konsum u li nifirdu t-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali.

L-azzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet ma tistax issir biss fl-Unjoni. Is-sostenibbiltà tibqa' sfida globali. Minħabba f'hekk huwa essenzjali li nuru tmexxija Ewropea matul binarji interni u esterni fl-istess ħin. Dan jirrikjedi metodu integrat u jirrifletti l-fatt li bil-globalizzazzjoni u l-interdipendenza li dejjem tikber bejn il-kwistjonijiet, l-UE tista' taħdem b'mod sħiħ biss fuq il-prijoritajiet interni jekk jirnexxilha taħdem fix-xena dinjijja, fl-istess ħin. Bl-istess mod, il-kapaċità ta' l-UE li tirrifletti l-impenji fil-politika kollha tagħha hija kruċjali jekk il-kliem se jsir fatti. Trid iżżomm il- kredibilità bħala mexxej dinji fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Filwaqt li l-mandat tal-Kummissjoni jkompli sa l-aħħar ta' l-2009, għandha obligazzjoni ċara li tħares lil hinn minn dik id-data fit-tfassil tal-politika. Jekk irridu nilħqu l-miri futuri tagħna, ma nistgħux nistennew s'għada; irrid nieħdu azzjoni llum. Biex nirrealizzaw il-viżjoni fit-tul irid ikollna objettivi konkreti biex immexxu t-tendenzi fit-tul kif ukoll mekkaniżmi li jilħqu l-għanijiet. Irridu nibdew issa. Din il-Kummissjoni diġà kkonfermat ir-relevanza ta' l-objettivi strateġiċi ewlenin tagħha ta' ġid, solidarjetà, u sigurtà għal żvilupp sostenibbli[14]

L-ewwel darba li l-UE spjegat l-impenn tagħha għal żvilupp sostenibbli kien f'Ġunju 2001. F'dak iż-żmien il-Kunsill Ewropew ta' **Gothenburg** adotta l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli (SDS - Sustainable Development Strategy) ta' l-UE fuq il-bażi ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Fl-2002, il-Kummissjoni ppreżentat it-tieni Komunikazzjoni[15] li tiffoka fuq id-dimensjoni esterna ta' żvilupp sostenibbli, li kienet

---

13 Art. 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

14 COM(2005) 12, tat-26.1.2005 . "Għanijiet strateġiċi 2005-2009 - Ewropa 2010: Sħubija għal tiġdid Ewropew: Ġid, Solidarjetà u Sigurtà".

15 COM(2002) 82, tat-13.2.2002: "Lejn sħubija globali għal żvilupp sostenibbli".

approvata mill-Kunsill Ewropew **f'Barċellona**. Dawn id-dokumenti flimkien jiffurmaw il-bażi ta' l-Istrateġija komprensiva ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tevalwa l-Istrateġija fil-bidu ta' kull terminu ta' mandat ġdid tal-Kummissjoni. Dan isir matul l-2005 fuq il-bażi ta' l-esperjenza ta' l-aħħar erba' snin.

L-Istrateġija riveduta għal Żvilupp Sostenibbli tkun teħtieġ li tadotta metodu iktar miftuħ li jenfasizza it-tibdil strutturali li teħtieġ l-ekonomija biex timxi lejn xejriet ta' produzzjoni u konsum aktar sostenibbli u biex tkopri tendenzi li mhumiex sostenibbli. B'tisħiħ mill-ġdid tal-metodu ġdid tat-tfassil tal-politika, l-Istrateġija riveduta tafferma mill-ġdid l-approċċ tri-dimensjonali tagħha kif ukoll tiżgura l-integrazzjoni sħiħa u tisħiħ ta' aspetti esterni ta' l-iżvilupp sostenibbli. Barra minn hekk, tikkonferma l-impenn magħmul fil-proposta dwar il-perspettivi finanzjari 2007-2013 li l-iżvilupp sostenibbli jrid ikun il-prinċipju gwida għall-politika ta' l-UE.

## 2. *L- APPROĊĊ TA' L-UNJONI EWROPEA FL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI.*

L-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli għandha dawn il-komponenti li ġejjin:

L-ewwell nett, tispjega viżjoni wiesgħa ta' x'inhu sostenibbli. Il-messaġġ bażiku ta' l-istrateġija huwa li fl-aħħar mill-aħħar, id-dimensjonijiet ta' sostenibbiltà ekonomiċi, soċjali u ambjentali iridu jimxu id f'id u jsaħħu 'l xulxin: *"L-iżvilupp sostenibbli joffri lill-Unjoni Ewropea viżjoni fit-tul pożittiva ta' soċjetà li hija iktar għanja u ġusta, u li tipprometti ambjent aktar nadif, sigur u b'saħħtu - soċjetà li twassal kwalità ta' ħajja aħjar għalina, għat-tfal tagħna, u għat-tfal tat-tfal"* [16] Huwa kruċjali li nifhmu l-importanza ta' l-interrelazzjonijiet bejn dawn it-tlitt pilastri ta' l-iżvilupp sostenibbli.

It-tieni, u forsi l-iktar parti ambizzjuża ta' l-istrateġija, tipprova ttejjeb il-mod li bih infasslu l-politika, b'attenzjoni fuq it-titjib fil-koerenza politika u li tnebbaħ lin-nies dwar kompromess possibli bejn għanijiet kontradittorji'biex ikunu jistgħu jittieħdu deċizjonijiet politiċi infurmati. Dan jimplika eżaminazzjoni bir-reqqa ta' l-effetti sħaħ tagħhom, inklużi dawk ta' non-azzjoni l-aktar permezz ta' evalwazzjoni ta' impatt bikri, u li jinbagħtu s-sinjali xierqa lis-suq billi jġibu l-prezzijiet tajbin. Tirrikjedi wkoll li dawk li jfasslu l-politika fl-UE jiftakru fil-kuntest globali u jippromwovu b'mod attiv il-konsistenza bejn il-politika interna u dik esterna. Barra minn hekk, titlob ukoll investiment fix-xjenza u t-teknoloġija biex tappoġġa l-aġġustamenti meħtieġa għal żvilupp sostenibbli. Fl-aħħar, il-metodu l-ġdid ta' tfassil ta' politika jinsisti fuq it-titjib fil-komunikazzjoni u l-mobilizzar taċ-ċittadini u n-negozji.

It-tielet nett, tindirizza numru limitat ta' **tendenzi li ovvjament mhumiex sostenibbli**, bħal kwistjonijiet tal-bidla klimatika u l-użu ta' enerġija, theddid għas-saħħa pubblika, faqar u esklużjoni soċjali, soċjetajiet li qed jixjieħu, kontroll tar-riżorsi naturali, u l-użu ta' l-art u trasport.

Fl-aħħar, id-dimensjoni globali tespandi dwar xi wħud mill-għanijiet internazzjonali u tiffoka fuq l-objettivi ta' prijorità li ġew identifikati fil-kontribuzzjoni ta' l-UE lis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD - World Summit on Sustainable Development). Dawn qegħdin jisfruttaw il-globalizzazzjoni, jinnegozjaw għal żvilupp sostenibbli, jiġġieldu l-faqar, żvilupp

[16] COM(2001) 264 " Ewropa Sostenibbli għal Dinja Aħjar: Strateġija mill-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli", p. 2.

soċjali, kontroll sostenibbli tar-riżorsi naturali u ambjentali, itejbu l-koerenza tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea, iggvernar aħjar f'kull livell u jiffinanzjaw l-iżvilupp sostenibbli.

## 3. Reviżjoni, għaliex?

Il-Kummissjoni hija diġà impenjata biex tevalwa l-istrateġija fil-bidu ta' kull mandat ġdid tal-Kummissjoni. Dan ġie milquh mill-Kunsill Ewropew, l-aktar riċenti f'Ġunju u Novembru ta' l-2004. Barra minn hekk, numru ta' żviluppi jkomplu jenfassizaw il-ħtieġa għal evalwazzjoni bħalissa:

- It-tendenzi mhux sostenibbli li sejrin għall-agħar, speċjalment il-pressjoni dejjem tikber fuq ir-riżorsi naturali, il-biodiversità u l-klima kif ukoll l-inugwaljanza persistenti u l-faqar u l-isfidi ekonomiċi u soċjali dejjem jiżdiedu minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ;
- In-nuqqas fil-prestazzjoni ekonomika ta' l-Ewropa flimkien ma' pressjonijiet kompetittivi ġodda ikkawżati mill-globalizzazzjoni kontinwa u l-emerġenza ta' pajjiżi li ġew industrijalizzati dan l-aħħar (bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil), li qed jippuntaw lejn kompetizzjoni ekonomika u possibbilment tibdiliet fl-istrutturi nazzjonali ta' produzzjoni, li għandhom implikazzjonijiet għal żvilupp sostenibbli fuq livell globali;
- Impenji u negozjati internazzjonali ġodda li kollha kemm huma għandhom il-potenzjal jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli globali jridu jiġu mqabblin ma' sforzi ta' implimentazzjoni akbar (bħall-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha tal-WTO, il-pjan ta' implimentazzjoni ta' Johannesburg deċiż fil-WSSD, l-impenji ta' Monterrey dwar l-iffinanzjar ta' l-iżvilupp u l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju );
- theddid ġdid fis-sigurtà, bħat-terroriżmu (l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 u tal-11 ta' Marzu 2004), kriżijiet naturali (għargħar) u biżgħat għas-saħħa (per eżempju s-SARS) wasslu lejn sens akbar ta' vulnerabbiltà. Barra minn hekk, hemm għarfien ġdid li dejjem qed jikber għall-ħtieġa li tittieħed azzjoni kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u r-razziżmu;
- Fl-aħħarnett, r-reviżjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea għal 25 Stat Membru, id-definizzjoni ta' strateġiji nazzjonali għal żvilupp sostenibbli f'ħafna mill-Istati Membri u l-involviment akbar ta' l-awtoritajiet lokali u reġjunali.

## 4. Inqisu l-Pogress

Filwaqt li sar xi progress fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija u li wieħed ma jistax jistenna riżultati immedjati, huwa ċar li għad hemm ħafna xi jsir. Ftit hemm sinjali li jindikaw li l-maġġor parti tat-theddid lill-iżvilupp sostenibbli treġġgħu lura. Dawn jirrikjedu attenzjoni

kontinwa u urġenti. Filwaqt li spjegazzjoni iktar dettaljata tal-progress tinstab fid-dokument ta' ħidma ta' l-istaf tal-Kummissjoni[17], numru ta' żviluppi importanti jistgħu jiġu enfasizzati.

- **Nibdlu l-mod kif infasslu l-politika.** Mill-2001 ġiet introdotta "sistema ġdida ta' tfassil tal-politika" biex iġġib il-politika iktar koerenti u toħloq kundizzjonijiet xierqa biex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli.

[17] SEC(2005) 225.

*Intejbu l-koerenza politika*

L-integrazzjoni ta' numru ta' prinċipji orizzontali ta' Trattati fil-politika kollha ta' l-UE hija għan ċentrali. Eżempju ta' azzjoni ta' l-UE għal dan il-għan huwa l-proċess ta' Cardiff ("Cardiff process"), li jippromwovi l-integrazzjoni tat-tħassib ambjentali f'politika settorali. Madankollu, rendikont inizzjali fl-2004 tal-proċess ta' Cardiff juri li s'issa l-progress kien limitat.

Mekkaniżmu ġdid biex jivvaluta l-impatt ġie introdott fil-Kummissjoni fl-2003 bħala wieħed mill-istrumenti biex jgħinu fit-titjib ta' politika koerenti. Huwa ddisinjat biex jivvaluta l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-proposti politiċi ewlenin b'mod integrat u li jagħmel il-kompromessi bejn għanijiet kompetenti aktar espliċiti. S'issa, il-Kummissjoni pprovdiet 'il fuq minn 50 Valutazzjoni ta' l-Impatt fuq firxa kbira ta' politika minn proposti dwar id-Direttiva tar-Riassigurazzjoni sa l-orjentazzjonijiet politiċi dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni taz-Zokkor, u l-finanzjament tan-Natura 2000. Fuq in-naħa esterna, studji ta' impatt fuq is-sostenibbiltà ġew mibdija fin-negozjati kummerċjali ewlenin kollha.

*Żviluppar tal-metodu miftuħ ta' kooperazzjoni*

Il-metodu miftuħ ta' kooperazzjoni jista' jkun strument qawwi biex jippromwovi l-iskambjar ta' prattiċi tajbin, jinvolvi u jimmobilizza l-partijiet kkonċernati u jagħmel pressjoni fuq l-Stati Membri biex jadottaw metodu aktar strateġiku u integrat u jipprovdu politika aktar effiċenti. Għanijiet komuni u indikaturi komuni ġew, per eżempju, miftehma mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali u l-pensjonijiet. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri għamlu miri kwantitattivi għat-tnaqqis fil-faqar u l-esklużjoni soċjali.

*Inġibu l-prezzijiet u l-inċentivi tajbin*

Naċċertaw li l-prezzijiet tas-swieq jirriflettu l-valur veru ta' l-attivitajiet ekonomiċi fis-soċjetà. Dan għandu jinkoraġġixxi bidliet fix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum. Sabiex dan jintlaħaq, għodod ibbażati fuq is-suq bħal taxxi ambjentali, skemi ta' negozjar fl-emissjonijiet u sussidji jistgħu jikkumplimentaw b'mod effettiv il-miżuri regolatorji tradizzjonali. F'dan il-qasam, sar progress fil-livell ta' l-UE f'dawn l-aħħar snin, imma t-teħid ta' deċiżjonijiet xorta jkun diffiċli kultant, b'mod partikolari fejn tidħol it-tassazzjoni minħabba l-ħtieġa tal-unanimità fil-Kunsill. Eżempji fejn l-UE għamlet użu mill-għodod ibbażati fuq is-suq jinkludu d-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fl-2003, li testendi s-sistema tal-Komunità tar-rati minimi tat-taxxa minn żjut minerali għal prodotti oħra ta' l-enerġija, u l-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, li ilha titħaddem mill-2005 bħala għajnuna biex jintlaħqu il-miri ta' riduzzjoni ta' Kyoto.

Ninvestu fix-xjenza u t-teknoloġija

Avvanzi fl-għarfien u l-progress teknoloġiku huma importanti biex jintlaħaq bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà soċjali u ambjentali. Hemm ħafna sinerġiji x'nisfruttaw bejn innovazzjoni fil-kwalità u l-prestazzjoni u innovazzjoni sabiex jittejbu kemm jista' jkun l-użu ta' l-enerġija, l-ilma u s-sigurtà. Aktar magni għall-effiċenza ta' l-enerġija, per eżempju, b'konsum anqas ta' riżorsi naturali li jwasslu għal anqas emissjonijiet. Investimenti f'teknoloġiji ġodda joħolqu wkoll impjiegi u tkabbir. L-azzjoni ta' l-UE f'dan il-qasam tinkludi l-attivitajiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Programm tas-Sitt Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp tat-Teknoloġija. Il-Pjan ta' Azzjoni għat-Teknoloġiji Ambjentali tippromwovi strutturi teknoloġiċi dwar l-idroġenu u ċelluli tal-fjuwil, fotovoltajku, kimika sostenibbli, il-

provvista ta' l-ilma u s-sanità. L-UE qiegħda tistimola wkoll l-użu ta' teknoloġiji li għandhom impatt fuq is-sistemi soċjali tagħna, per eżempju, sistemi tal-kura tas-saħħa[18].

*Nikkomunikaw u nimmobilizzaw iċ-ċittadini u n-negozji*

Is-soċjeta ċivili u s-settur privat għandhom parti importati fl-iżvilupp sostenibbli. Saru ħafna inizzjattivi fuq il-livell ta' l-UE biex jinkoraġġixxu l-involviment attiv ta' dawn il-gruppi, u biex jitjieb il-proċess ta' konsultazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' partijiet ikkonċernati. Fost affarijiet oħra, il-Kummissjoni adottat standards minimi għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u tejbet l-informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali. Ħadet ukoll inizjattivi varji biex tippromwovi r-Responsabilità Soċjali Korporattiva.

- **Tendenzi mhux sostenibbli**

*Tibdil klimatiku u enerġija nadifa*

| |
|---|
| Fl-aħħar 100 sena t-temperatura ta' l-Ewropa għoliet aktar malajr mill-medja globali (0.95°C fl-Ewropa meta mqabbla maż-0.7°C globali); 8 minn kull 9 glaċiera qed jirtiraw b'mod estensiv; avvenimenti ta' temp estrem - bħal nixfa, is-sħanat u għargħar - żdiedu[19] Biex inżommu ż-żieda tat-temperatura globali taħt il-livell li probabbilment isir perikoluż irridu qtugħ globali qawwi fl-emissjonijiet tal-gassijiet ta' l-effett tas-serra. Ċertu stimi ta' dannu kkawżat minn avvenimenti estremi fl-2002 jindikaw telf ta' €25 billjun[20] Provista ta' enerġija affidabbli u bi prezz tajjeb mhix xi ħaġa komuni f'dinja li qed tiżviluppa, fejn 'il fuq minn 2 billjun persuna tiddependi fuq il-biomassa (injam, skart, eċċ.) bħala s-sors ewlieni ta' enerġija u 1.6 billjun m'għandomx aċċess għall-elettriku. |

Il-Programm Ewropew għall-Bidla Klimatika (ECCP - The European Climate Change Programme) serva ta' vettura ewlenija biex tittieħed azzjoni kontra t-tibdil klimatiku fl-Ewropa. Dan ikopri inizzjattivi ta' enerġija u l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li ġiet imniedija dan l-aħħar madwar l-UE u li bdiet topera fl-1 ta' Jannar 2005. L-UE qed tippromwovi wkoll numru ta' miżuri li jikkontribwixxu għall-kontroll tal-bdil klimatiku permezz ta' Fondi Reġjonali. Madankollu, filwaqt li d-data disponibbli l-aktar riċenti qed turi li sal-2002 l-UE-15 kienu naqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra bi 2.9% mill-livelli ta' l-1990, għad irid isir ħafna aktar sabiex tintlaħaq il-mira fil-Protokoll ta' Kyoto li jgħid li jrid ikun hemm tnaqqis ta' 8% mill-livelli ta' l-1990 waqt il-perijodu 2008-2012. Internazzjonalment, l-UE kellha wkoll sehem prinċipali fil-promozzjoni tar-ratifika ta' Kyoto u fl-implimentar ta' l-impenji li saru fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD) f'Johannesburg fl-2002. F'dan ir-rigward l-UE rrakkomandat l-użu dinji ta' enerġiji li jiġġeddu, permezz tal-Koalizzjoni dwar l-Enerġija li Tiġġedded ta' Johannesburg. L-Inizjattiva ta' l-Enerġija ta' l-UE hija kontribbwizzjoni lil WSSD, u tipprova ttejjeb l-aċċess għal servizzi xierqa, sostenibbli u għall-but ta' kulħadd f'żoni rurali, peri-urbani u urbani.

Fl-Ewropa, qed isir impenn mill-ġdid sabiex iseħħ progress ta' veru fuq l-effiċjenza ta' l-enerġija permezz ta' l-Inizjattiva għall-Effiċjenza ta' l-Enerġija.

---

18 Ara per eżempju il-pjan ta' azzjoni tas-saħħa li ġie adottat dan l-aħħar: nagħmlu l-kura tas-saħħa aħjar għaċ-ċittadini Ewropej - pjan ta' azzjoni għal żona Ewropea ta' saħħa-e, COM(2004) 356.

19 Rapport ta' l-EEA "Impatti tat-tibdil tal-klima fl-Ewropa", Awissu 2004.

20 Munich Re, dipartiment ta' riċerka tar-riskji Ġeo; Jannar 2004.

*Saħħa pubblika*

| |
|---|
| It-theddid fis-saħħa pubblika fl-UE kompla jiżdied mill-2001. Mard relatat ma' stil ta' ħajja u mard kroniku żdied malajr madwar id-dinja u l-obeżità għamlet żviluppi allarmanti (10-40% żieda matul l-aħħar għaxar snin f'ħafna mill-pajjiżi ta' l-UE). L-epidemija tal-HIV/AIDS globalment leħqet l-ogħla livell ta' infezzjonijet (39.4 milljun) u l-proporzjon ta' rapporti ġodda ta' infezzjonijiet tal-HIV aktar minn irduppjat fl-Ewropa mill-1996. Kuntatt u mobilità akbar madwar il-globu kabbru l-impatt ta' theddid fis-saħħa permezz ta' mard infettiv bħall-influwenza tat-tjur u s-SARS. Element ieħor ġdid huwa l-Bioterroriżmu. F'pajjiżi li qed jiżvilluppaw, ċerti kisbiet 'l-quddiem li saru dan l-aħħar fis-saħħa u l-iżvilupp reġgħu mxew lura u l-firxa ta' mard li jittieħed ewlieni hija theddida serja għall-iżvilupp tal-ġejjieni tagħhom. |
| L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għandha stimi li kull sena ambjenti ħżiena għas-saħħa jikkaġunaw l-mewt ta' 'l fuq minn 5 miljun tifel u tifla madwar id-dinja. Eżempji ta' miżuri politiċi meħudin mill-2001 jinkludu l-iffinanzjar ta' riċerka tal-ġenomi biex niġġieldu kontra r-reżistenza lejn l-antibiotiċi; it-twaqqif ta' sorveljanza ta' l-UE konġunta u netwerks ta' avviż bikri dwar mard li jittieħed; l-adozzjoni ta' proposta għal-qafas regolatorju ġdid ta' l-UE għal kimiċi (REACH); l-adozzjoni ta' Pjan ta' l-Azzjoni tas-Saħħa u Ambjent Ewropew 2004-2010; u t-twaqqif ta' Awtorità Ewropea għas-sigurtà ta' l-ikel (EFSA - European Food Safety Authority) u Ċentru Ewropew għal Mard li Jittieħed (ECDC - European Centre on Communicable Diseases). |

Internazzjonalment, l-iffinanzjar ta' l-UE biex tikkombatti mard bħall-HIV/AIDS, it-Tuberkolożi u l-malarja żdied b'mod sostanzjali. Saru wkoll kontribuzzjonijiet biex jitnaqqas il-prezz ta' prodotti farmaċewtiċi essenzjali fil-pajjiżi li qed jiżvilluppaw.

*Il-faqar u l-esklużjoni soċjali*

| |
|---|
| Il-faqar u l-esklużjoni soċjali jirrappreżentaw problema li qed tikber. Fl-UE, madwar 15% tal-popolazzjoni tgħix fir-riskju tal-faqar. Is-sitwazzjoni f'ċertu Stati Membri ġodda hija partikolarment tat-tħassib. Tendenzi oħra ta' l-inkwiet huma t-tixrid tal-faqar u eslużjoni minn ġenerazzjoni għall-oħra u t-toqol sproporzjonat li jridu jerfgħu ċertu partijiet tal-popolazzjoni (eż. dawk bla xogħol, ġenituri *single*, nies b'diżabbiltà, minoritajiet etniċi). Globalment, 2.8 billjun mill-popolazzjoni ta' 6 billjun ruħ tad-dinja jgħixu b'inqas minn € 2 kuljum. |

L-Istati Membri ta' l-UE qablu li għandhom jikkoordinaw il-politika tagħhom biex jissieltu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali b'objettivi komuni, jinnominaw pjanijiet ta' azzjoni u jevalwawhom permezz ta' indikaturi komuni li jkejlu l-progress. Il-Kummissjoni Ewropea qed tappoġġa l-koordinazzjoni ta' dan il-proċess. Il-fondi tal-Politika Reġjonali Ewropea jikkontribbwixxu wkoll għal dan il-għan, per eżempju, bl-investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg lokali.

Biex tindirizza din il-kwistjoni fuq livell globali, il-politika ta' żvilupp ta' l-UE tqiegħed bħala l-għan prinċipali tagħha li tnaqqas il-faqar b'mod sinifikanti u eventwalment teqirdu. Numru ta' azzjonijiet ittieħdu fil-qafas ta' l-isħubija globali ġdida għal qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli stabbilita fis-samits ta' Doha, Monterrey u Johannesburg.

*Soċjetà li qed tixjieħ*

Huwa mbassar li t-tkabbir fil-Popolazzjoni ta' l-UE se jispiċċa u popolazzjoni ta' ħaddiema dejjem tonqos u tixjieħ ikollha tappoġġa lin-numru dejjem jikber ta' xjuħ. Huwa mbassar li l-proporzjon ta' xjuħ li jiddependu fuq ħaddieħor se jikber minn 24% fl-2004 għal 47% fl-2050.

Għalkemm li ntawlu l-ħajja hiwa kisba kbira, is-soċjeta dejjem tixjieħ ta' l-Ewropa tqajjem mistoqsijiet ta' sostenibbiltà li jridu jiġu ndirizzati. La l-emigrazzjoni u lanqas żieda mħaffa fir-rati tat-twelid ma jistgħu jiskansaw miż-żieda qawwija fis-sehem tax-xjuħ fil-popolazzjoni fl-għoxrin sena li ġejjin.

Il-Kummissjoni qed taħdem ma' l-Istati Membri biex timmodernizza s-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex tiżgura li jibqgħu sostenibbli finanzjarjament u soċjalment adegwati. Il-miżuri jinkludu wkoll l-ipprolongar fix-xogħol tal-ħaddiema aktar xjuħ. L-objettiv, stabbilit mill-Kunsill Ewropew f'Barċelloni, hu ta' 50% minn dawk li għandhom bejn il-55 u l-64 sena biex ikunu qed jaħdmu sa l-2010 u li jkun hemm żieda fl-etajiet għall-ħruġ mis-suq ta' l-impjiegi ta' 5 snin sa l-2010. Apparti mis-soluzzjoni ta' l-aspett finanzjarju, is-sistemi tal-kura tas-saħħa ukoll jeħtieġu jevolvu biex ilaħħqu mad-domanda mistennija miż-żieda ta' nies xjuħ, b'mod partikolari biex jitjieb l-aċċess għall-kura tas-saħħa. L-Unjoni qed tiffaċilita l-kooperazzjoni strutturati f'dan il-qasam u l-iskambju ta' prattika tajba.

*L-użu ta' riżorsi naturali*

Iż-żieda fil-kobor tal-popolazzjoni dinija tfisser li sa l-2010 ikun hemm diġà 400 milljun iktar nies fuq id-dinja meta mqabbel mal-llum. Dawn ikunu jgħixi fil-parti l-kbira tagħhom f'żoni urbani. F'dina fejn 'l-interdipendenza' qed dejjem tikber ma nistgħux inkomplu nipproduċu u nikkunsmaw kif qed nagħmlu llum. Il-biodiversità hija taħt theddida. Madwar id-dinja, hemm 15 500 speċi ta' pjanti u annimali li qed jissugraw l-estinzjoni. F'dawn l-aħħar l-għixieren ta' snin diġà rajna telf sinifikanti pratikament f'kull tip ta' sistema ekoloġika u speċi (annimali, pjanti, foresti, ilma ġieri, art għammiela, eċċ). L-ilma frisk huwa riżors naturali prezzjuz ieħor li qiegħed taħt pressjoni. B'mod generali, il-kriżi ta' l-ilma thedded il-ħajjiet, l-iżvilupp sostenibbli u fl-aħħar il-paċi u s-sigurtà.

Azzjonijiet fil-politika biex jitlaħaq l-għan ta' l-UE biex jitrażżan it-telf tal-biodiversità sal l-2010 jinkludu r-riforma tal-Politika għall-Agrikolura Komuni u l-Politika għas-Sajt Komuni, u l-ħolqien tan-netwerk Natura 2000. Komunikazzjoni dwar it-trażżin tat-telf tal-biodiversità sa l-2010 qed jiġi ppreparat. Miżuri biex tissaħħaħ l-effiċenza tar-riżorsi jinkludu d-Direttiva ta' l-UE dwar l-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku u l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-politika integrata tal-prodotti. Fil-perijodu bejn l-2000 u l-2006, l-Unjoni Ewropea qed tqiegħed sommom kbar ta' flus mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni biex tiffinanzja parti mill-investimenti favur infrastrutturi ambjentali u r-rijabilitazzjoni u l-manutenzjoni ta' siti industrijali, urbani u naturali.

Inizjattivi internazzjonali jinkludu l-Inizjattiva għall-Ilma ta' l-UE - "L-Ilma għall-Ħajja" - bħala segwitu għas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. L-UE qed tieħu wkoll parti prinċipali kemm fil-Konvenzjoni dwar il-Biodiversità u fix-xogħol biex jiġi stabbilit qafas ta' għaxar snin ta' programmi dwar il-konsum u l-produttività sostenibbli.

*L-użu ta' l-art u t-trasport*

Minkejja l-għan li jinfired it-trasport minn mal-kobor tal-GDP, il-volum tat-trasport qed ikompli jikber aktar malajr mill-GDP. Dan qed ikollu impatti f'numru ta' oqsma li jvarjaw

minn konġestjoni fit-traffiku għall-problemi fis-saħħa ikkaġunati minn tniġġis fl-arja, u żieda fl-emissjonijiet $CO_2$ li jaffetwaw il-miri ta' l-UE dwar il-bidla klimatika.

L-UE bdied numru ta' inizzjattivi politiċi biex tillimita l-effeti negattivi ta' din it-tendenza fiż-żieda ta' trasport. Qed tinkoraġixxi bidla mit-trasport fit-toroq għal modi li għandhom impatt anqas fuq l-ambjent, bħal kowċis nodfa u trasport bil-baħar u bil-ferrovija. Il-Kummmissjoni proponiet ukoll li l-Istati Membri jintroduċu ħlas infrastrutturali biex jinfluenza d-domanda għat-trasport, billi jmexxi lejn sitwazzjoni fejn il-prezzijiet imħallsa minn dawk li jużaw it-trasport ikun jirrifletti n-nefqa sħiħa lis-soċjetà (eż. d-direttiva ta' l-Ewro vignette), imma l-implimentazzjoni tibqa limitata. Barra minn hekk, għalkemm kien hemm żieda fid-domanda għat-trasport, sar progress sinifikanti fit-teknoloġija tal-vetturi u l-fjuwil, imħaġġeġ minn inizjattivi u leġiżlazzjoni ta' l-UE. Fl-aħħarnett, qed jiġu segwiti xi azzjonijiet biex jitjieb l-ambjent urban u l-kontroll fl-użu ta' l-art, per eżempju permezz tal-programm ta' Fondi Strutturali ta' l-UE "Urban II" u l-Programm tal-Qafas għar-Riċerka. Il-Kummissjoni qed tipprepara wkoll Strateġija Tematika fuq l-Ambjent Urban li għandu jiġi ppublikat fl-2005.

*Aspetti esterni ta' żvilupp sostenibbli*

Flimkien mat-tendenzi li mhumiex sostenibbli elenkati hawn fuq, il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli fuq livell globali inkluda, fost ħwejjeġ oħra, dawn l-azzjonijiet ta' l-UE li ġejjin:

– It-trażżin tal-Globalizzazzjoni

Il-Globalizzazzjoni hija l-kuntest ġdid li fih l-iżvilupp sostenibbli irid jintlaħaq. Filwaqt li tista' tkun stimolu importanti għall-iżvilupp sostenibbli, il-gwadanji mill-globalizzazzjoni ħafna drabi jkunu maqsumin b'mod żbilanċat bejn u fil-pajjiżi u l-integrazzjoni mhux regolata jista' jkollha impatti negattivi fuq l-ambjent u s-soċjetà in ġenerali.

L-UE tappoġġa approċċ koerenti u integrat għall-mistoqsijiet dwar il-globalizzazzjoni fil-WTO, fl-Istituzzjonijiet Internazzjonali tal-Finanzi (IFIs - International Financial Institutions) u tul il-korpi tan-NU. Trid ukoll issaħħaħ korpi ewlenin - bħal ma huma, per eżempju, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema.

Biex tiġi integrata d-dinja li qed tiżviluppa ma' l-ekonomija globali b'mod effettiv u ugwali, in-negozzjati tal-WTO li għaddejjin bħalissa, l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha (DDA - Doha Development Agenda ) huma essenzjali. Fin-negozjati tad-DDA, mill-2002 l-UE dejjem taħdem biex issegwi l-objettivi tagħha f'termini ta' promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli globali fuq numru kbir ta' kwistjonijiet kummerċjali. Apparti minn hekk, peress li l-isforzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jintegraw rwieħhom fis-sistema tal-kummerċ globali iridu jkunu appoġġati b'mod effettiv, l-għajnuna kummerċjali (TRA - trade related assistance) ġiet innominata bħala waħda mill-prijoritajiet tal-kooperazzjoni ta' żvillup ta' l-UE u d-dimensjoni TRA ġew integrati fil-livelli rilevanti kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kif jiġu allokati l-fondi.

Barra minn hekk, minn meta seħħ il-WSSD, l-UE ħadet ukoll passi importanti biex timplimenta azzjoni ta' appoġġ marbuta ma politika kummerċjali barra mill-iskop tad-DDA, fost affarijiet oħra, permezz ta' sforzi li jinkludu element sostantiv dwar l-iżvilupp sostenibbli fin-negozjati reġjonali u bilaterali kollha, kemm dawk li għaddejjin bħalissa u dawk tal-futur.

– Tmexxija Aħjar fuq-Livell Globali

Tmexxija tajba u l-promozzjoni tad-demokrazija huma fatturi kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju. Id-Dikkjarazzjoni tal-Millenju tgħid li l-ħolqien ta’ ambjent li jkun jikkonduċi lejn żvilupp u lejn l-eliminazzjoni tal-faqar jiddependi, fost affarijiet oħra, fuq tmexxija tajba f’kull pajjiż, fuq tmexxija tajba fuq livell internazzjonali u fuq trasparenza fis-sistemi finanzjari, monetarji u kummerċjali.

Il-Kummissjoni indirizzat il-kapaċità istituzzjonali, it-tmexxija tajba u l-istat tad-dritt f’Komunikazzjoni dwar it-Tmexxija u l-Iżvilupp li tiffoka fuq il-kapaċità istituzzjonali u d-djalogu dwar tmexxija f’sitwazzjonijiet ta’ tip ta’ pajjiżi differenti. Saru wkoll sforzi biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet ta’ kooperazzjoni internazzjonali u reġjonali kollha li jeżistu u l-istrumenti ta' politika Barra minn hekk, tmexxija internazzjonali ta' l-iżvilupp sostenibbli msaħħa, ilha fil-qalb ta’ l-isoforzi ta’ l-UE għall-iżvilupp u l-multilateriżmu effettiv.

- Finanzi għall-iżvilupp (FfD - Financing for development)

Biex jintlaħqu l-Għanijiet ta’ l-Iżvilupp tal-Millenju, hemm bżonn tal-finanzi. Madankollu, il-mira tan-NU ta’ 0.7% Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA - Official Development Assistance) tad-dħul gross nazzjonali (DGN) għadu l-bogħod milli jintlaħaq.L-UE iddefiniet il-kontribuzzjoni tagħha lill-“proċess ta’ finanzi għall-iżvilupp” fi tmien impenji espliċiti, approvata mill-Kunsill Ewropew f’Barċellona fl-14 ta’ Marzu ta’ l-2002. L-aktar rapport riċenti ta’ monitoraġġ qed ibassar li l-livelli ta’ għajnuna fl-UE mkabbra (b’25 Stat Membru), b’kollox, se jaqbeż il-mira intermedja ta’ 0.39% ODA/Dħul Gross Nazzjonali (DGN) u jipprovdi 0.42% tad-DGN fl-ODA sa l-2006, jew ammont estimat ta’ € 38.5 billjun. Il-volum total ta’ riżorsi addizzjonali mobilizzati bejn l-2002 u l-2006 huwa ta’ € 19-il billjun.

## Parti II: Nirrispondu għall-isfidi

### 5. ORJENTAZZJONIJIET TAL-ĠEJJIENI

Fid-dawl ta' l-isfidi li jissoktaw, l-Ewropa mhux biss għandha tikkonferma l-impenji tagħha lejn aġenda fuq medda twila ta' żmien għal żvilupp sostenibbli u kwalità aħjar ta' ħajja, iżda wkoll issib modi kif tirsolvihom b'mod aktar effettiv.

#### 5.1. Rikonferma tal-prinċipji bażiċi ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli ta l-Unjoni Ewropea:

Il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli u l-komplementarietà bejn l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Istrateġija ta' Liżbona ġew iċċarati fil-premessa.

Lilhinn minn dan, l-analiżi se tikkonferma **n-natura tridimensjonali** kwintessenzjali ta' l-iżvilupp sostenibbli bħala x-xewka ta' l-istrateġija, jiġifieri żvilupp li jista' biss jinkiseb jekk it-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien ambjentali jimxu id f'id, kemm fl-Ewropa kif ukoll f'partijiet oħra tad-dinja.

L-analiżi se tqis ukoll **il-kontribuzzjoni ta' l-UE fl-iżvilupp sostenibbli globali** b'żewġ modi: l-ewwel, billi tindirizza l-aspetti internazzjonali tas-sitt tendenzi mhux sostenibbli indirizzati mill-istrateġija; it-tieni, billi tintegra fiha l-politika esterna ta' l-UE li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli globali. B'hekk, l-UE se tikkonferma mill-ġdid u ssaħħaħ l-impenn tagħha li tieħu rwol minn ta' quddiem fit-tmexxija ta' l-aġenda ta' l-iżvilupp sostenibbli fuq livell globali.

#### 5.2. Nerġgħu naffermaw l-approċċ il-ġdid għat-tfassil tal-politika u koerenza politika

L-analiżi se ssaħħaħ mill-ġdid **'l-approċċ il-ġdid għat-tfassil tal-politika'** bħala l-mezz ċentrali ta' tqegħid ta' l-iżvilupp sostenibbli fil-qalba tat-tfassil tal-politika ta' l-UE. B'mod partikolari, l-Istateġija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli tal-ġejjieni ta' l-UE se tagħti spinta lill-komponenti differenti ta' l-aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar ta' l-UE, inklużi l-valutazzjoni ta' l-impatt, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u s-simplifikazzjoni regolatorja.

Dan iffisser li t-tfassil tal-politika sostenibbli u ekonomikament effikaċi se jibqa' jiġi promoss permezz ta' Regolamentazzjoni Aħjar, inkluża implimentazzjoni aktar effikaċi ta' **mekkaniżmu ta' Valutazzjoni ta' l-Impatt ibbilanċjat** li jkopri kemm l-inizjattivi ġodda ta' politika interna kif ukoll esterna tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istudji dwar is-sostenibilità ta' valutazzjoni ta' l-impatt se jibqgħu jiġu applikati għal ftehimiet kummerċjali ewlenin. Filwaqt li l-istrument dan l-aħħar ġie irfinut biex iżomm kont ta' l-ewwel lezzjonijiet li tgħallimna[21], se tkompli tingħata attenzjoni bla waqfien lil kif jista' jitjieb il-metodu, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' l-iżvilupp sostenibbli. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni beħsiebha wkoll ittejjeb il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar il-politika ta' l-UE. Barra minn hekk, se tingħata wkoll attenzjoni lill-importanza li jkun żgurat segwitu xieraq għall-Ftehim Inter-Istituzzjonali mal-Parlament

[21] Ref. Valutazzjoni ta' l-Impatt: Il-passi li jmiss – b'appoġġ tal-Kompetittività u l-Iżvilupp Sostenibbli, SEC(2004) 1377, 21.10.2004.

Ewropew u l-Kunsill[22] (p.e. għall-ħtieġa li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill japplikaw l-istess prinċipji u standards fir-rigward tal-valutazzjoni ta' l-impatt meta ssir il-valutazzjoni tal-impatt ta' l-emendi sostanzjali tal-proposti tal-Kummissjoni).

Taħt l-approċċ il-ġdid hemm ukoll inkluż **il-metodu miftuħ ta' ko-ordinazzjoni,** l-aktar fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-ħarsien soċjali fejn dan il-metodu għandu rwol prinċipali fl-immodernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali.

Bħala parti mill-approċċ il-ġdid lejn it-tfassil tal-politika, il-Kummissjoni se tissokta tippromwovi l-użu ta' **strumenti ibbażati fuq is-suq** biex ikun hemm mera ta' l-ispejjeż veri ta' l-użu tar-riżorsi u l-impatt tiegħu ambjentali fuq is-soċjetà. Pereżempju, l-Istati Membri se jiġu mistiedna jaraw kif jistgħu jispustaw il-piż tat-tassazzjoni fuq il-kawżi tal-ħsara ambjentali u jbiegħduh mix-xogħol. L-analiżi se tenfażissa aktar l-importanza ta' l-investimenti fix-**xjenza u t-teknoloġija** għall-iżvilupp sostenibbli. Fost il-mezzi possibbli biex jinġibu 'l quddiem l-eko-innovazzjonijiet hemm il-programm ta' riċerka ta' l-UE, il-Politika ta' Innovazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll il-kuntratti pubbliċi. L-iskambju ta' tagħrif mas-sħab esterni dwar riċerka sostenibbli, ix-xjenza u t-teknoloġija se jinġieb 'il quddiem ukoll.

### 5.3. Inżommu ħarsitna fuq it-tendenzi ewlenin li mhumiex sostenibbli u nesploraw iktar bir-reqqa r-rabtiet bejn it-tendenzi mhux sostenibbli

L-analiżi se żżomm l-attenzjoni ta' l-Istrateġija fuq **it-tendenzi ewlenin li huma ta' theddida għall-iżvilupp sostenibbli.** Ħafna minn dawn it-tendenzi jistgħu biss jiġu megħluba permezz ta' azzjoni bla waqfien fuq medda twila ta' żmien u dan ifisser tibdiliet strutturali prinċipali fit-tħaddim tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. Madankollu, dan m'għandux ikun skuża biex ma jsir xejn fil-medda 'l qasira.

L-analiżi għalhekk se jkun fiha **valutazzjoni bir-reqqa tat-tendenzi mhux sostenibbli koperti mill-istrateġija preżenti** bil-ħsieb li jiġu identifikati l-objettivi u l-azzjonijiet meħtieġa għas-snin li ġejjin. L-oqsma prijoritarji identifikati fl-2001 għandhom ukoll jiġu armonizzati ma' l-impenji internazzjonali magħmula mill-UE fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, il-konferenza ta' l-UN għall-Iffinanzjar għall-Iżvilupp kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-Millennju ta' l-UN u ftehimiet oħra multilaterali relatati u impenji meħuda mill-UE. Barra minn hekk, se jkunu aġġornati biex jirriflettu l-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda fl-UE – u l-prospett ta' aktar tkabbir fil-futur mhux imbiegħed – li jġib sfidi ġodda għall-kapaċità ta' l-Unjoni li tindirizza t-tendenzi mhux sostenibbli. F'dan il-kuntest, l-analiżi se teżamina wkoll jekk għandux jiżdied għadd żgħir ta' tendenzi ġodda jew tendenzi li ma tqisux qabel, inklużi tendenzi ekonomikament mhux sostenibbli.

Fl-aħħar nett, l-analiżi se tagħti aktar attenzjoni biex **jiġu identifikati l-inter-relazzjonijiet bejn it-tendenzi mhux sostenibbli magħżula.** Se tfittex li toħroġ l-aħjar mis-sinerġiji pożittivi u tnaqqas il-kompromessi. Pereżempju, billi ġġib 'il quddiem spustament fit-trasport minn fuq it-triq għal fuq il-ferrovija huwa possibbli tnaqqas l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra u tnaqqas il-konġestjoni fl-istess ħin (b'hekk toħloq sitwazzjoni 'ta' xejn ħlief gwadann'). Eżempju ieħor ikun kif l-investiment fil-bidla teknoloġika fondamentali jista' jwassal għal kompetittività aħjar u fl-istess waqt itejjeb il-kwalità ta' l-ambjent u l-koeżjoni soċjali.

[22] Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet, OJ C 321, 31.12.2003, p. 1.

### 5.4. Inwaqqfu objettivi, miri u tragwardi

L-approċċ meħud fl-istrateġija ta' l-2001 kien li jiġu ddefiniti l-objettivi prinċipali fuq il-medda tan-nofs marbutin ma' kull waħda mit-tendenzi mhux sostenibbli u jiġu identifikati għadd ta' miżuri maħsuba biex jindirizzawhom. L-analiżi se tikkonferma l-ħtieġa għal objettivi aktar ċari, miri u skadenzi marbuta magħhom bħala mod kif tingħata attenzjoni lill-azzjoni f'oqsma prijoritarji u tara li jista' jitkejjel il-progress.

Minkejja li t-tendenzi jirrappreżentaw problemi fuq medda twila li se jeħtieġu soluzzjonijiet fuq medda twila, l-uniku mod biex tiżgura li s-soċjetà miexja fid-direzzjoni t-tajba huwa billi jitwaqqfu miri ċari intermedji u jitkejjel il-progress. Li nwaqqfu objettivi fuq medda twila, għalhekk, m'għandiex tfisser nipposponu l-azzjoni.

L-istrateġija analizzata mill-ġdid għalhekk se tippreżenta objettivi prinċipali ġodda għal kull waħda mit-tendenzi mhux sostenibbli u twaqqaf it-tragwardi intermedji li jippermettu lill-UE ssegwi l-progress attwali. L-objettivi operattivi u l-pjanijiet ta' azzjoni se jiġu identifikati fi ħdan l-istrateġiji politiċi settorjali interni u esterni li se jkunu ukoll il-mezz prinċipali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-inizjattivi ta' strateġija politika, inklużi impenji internazzjonali miftiehma skond id-Dikjarazzjoni tal-Millennju u s-samits ta' Barċellona u Monterrey.

### 5.5. Niżguraw monitoraġġ effettiv

Id-deċiżjoni f'Gothengurg li jiġi żgurat monitoraġġ ta' kull sena ta' l-istrateġija fil-Kunsilli Ewropej tar-Rebbiegħa ma laħqetx l-aspettattivi. Sistema msaħħa ta' rapportaġġ se tiġi żviluppata fl-analiżi. Se tagħti attenzjoni lir-rendiment fuq il-medda l-qasira u dik tan-nofs ta' l-objettivi ta' l-istrateġija, billi tikkombina u tissemplifika kemm jista' jkun ir-rapporti preżenti dwar kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli. Ir-responsabbiltajiet istituzzjonali (b'mod partikolari r-rwoli tal-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew) fil-proċess ta' monitoraġġ se jkunu wkoll ċċarati.

Il-monitoraġġ se jseħħ b'mod partikolari fuq il-bażi ta' l-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli żviluppati mill-Kummissjoni. Dawn se jiddependu, fost affarijiet oħra, fuq l-indikaturi varji żviluppati fi ħdan il-proċessi ta' politika settorjali u s-sinteżi magħmula diġa minnhom fis-sett ta' indikaturi strutturali li segwew il-progress lejn il-miri stabbiliti bħala parti mill-aġenda ta' riforma ta' Liżbona. Se jkun hemm ukoll aktar sforz biex jiġu żviluppati mudelli futuri, tbassir u ġbir ulterjuri ta' *data* xjentifika biex tgħin f'monitoraġġ effettiv.

### 5.6. Insaħħu s-sjieda u ntejbu l-kooperazzjoni ma' l-atturi pubbliċi u privati fil-livelli kollha

Tinħtieġ aktar azzjoni biex il-partijiet interessati jkunu konxji u jiġu mobilizzati u involuti fil-livelli kollha. Jeħtieġ li jidher ċar minn huwa responsabbli għal liema azzjoni u f'liema punt fiż-żmien u min se jerfa' l-ispejjeż. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tindaga kif toħloq sħubijiet effettivi ma' l-industrija, it-trejdjunjons, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-interessi tal-konsumatur, b'mod partikolari bi ħsieb li tiddiskuti modi ta' kif tgħin trażżan it-tendenzi mhux sostenibbli identifikati fil-kuntest ta' l-analiżi.

Wieħed se jfittex li jkun hemm aktar konsistenza bejn l-inizjattivi ta' l-UE u dawk globali, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jinġieb 'il quddiem l-iżvilupp sostenibbli. Fost azzjonijiet possibbli se jkun hemm l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet komuni taħt kull wieħed mill-

objettivi prinċipali; b'hekk jingħata bidu għal proċess ta' tagħlim reċiproku ma' l-Istati Membri u/jew reġjuni; u jitwaqqfu mekkaniżmi għall-iskambju permanenti ta' tagħrif dwar l-aħjar prassi.

L-Unjoni se jkollha wkoll bżonn tħaffef l-isforzi tagħha li tistimula aktar azzjoni f'partijiet oħra tad-dinja, kemm f'pajjiżi industrijalizzati u pajjiżi fi tranżizzjoni, kif ukoll fid-dinja li qiegħda tiżviluppa. Il-Kummissjoni se tirsisti biex tiżviluppa d-djalogu dwar l-objettivi ta' żvilupp sostenibbli ma' sħab li qiegħdin barra mill-UE, l-aktar l-amministrazzjonijiet u s-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali u NGOs li l-attenzjoni tagħhom qiegħda fuq kwistjonijiet globali.

## 6. IL-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u l-partijiet kollha tas-soċjetà ċivili biex jagħmlu l-kummenti tagħhom dwar l-orjentazzjonijiet proposti għall-istrateġija. L-ewwel opportunità ta' diskussjoni se tkun il-forum tal-partijiet interessati organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-14 u l-15 ta' April 2005. Il-Kummissjoni mbagħad se tippreżenta proposta għal strateġija analizzata mill-ġdid ta' l-iżvilupp sostenibbli għall-Unjoni aktar tard din is-sena.